Ħarġa nru. 84 - Marzu 2014

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



# Isiru b'suċċess l-Awards "Ġieħ l-Isport Malti 2014"

AKTAR F'PAĠNA 34

UEFA EUROPEAN
UNDER-17 CHAMPIONSHIP - MALTA
9-21 MAY 2014
UNDER17 CHAMPIONSHIP Malta 2014



SAMSUNG

# television like you've never seen before

## Samsung UHD TV

Ultra High Definition 4K

Samsung SMART TV · SERIES 9 · 1000Hz crystal clear · motion control

3D LED TV · webcam · face recognition · ULTRA clear panel · voice control



65" NEW PRICE €4999

55" NEW PRICE €2999

## Series F7000




40" ~~€1199~~ €999

46" ~~€1599~~ €1399

55" ~~€2599~~ €2299

## special offer

LAST FEW DAYS

## Series F8000




40" ~~€1399~~ €1199

46" ~~€1999~~ €1799

55" ~~€2899~~ €2599

**FREE** with series 7000 & 8000




## Series F6320




40" ~~€699~~ €599

46" ~~€899~~ €789

55" ~~€1399~~ €1249

more TV models & deals also available

**YOUR GUARANTEE OF QUALITY SERVICE AND PEACE OF MIND.**

Birkirkara t: 21 497 111 • Paola t: 21 697 232
Qormi t: 27 445 551 • Mosta t: 21 430 569
Fgura t: 21 806 661 • Victoria, Gozo t: 21 564 060
Victoria, Gozo (appliances) t: 21 554 062

SOUND MACHINE Digital World

www.soundmachine.com.mt

The official SAMSUNG Malta representative for over 30 years

Find us on Facebook

e: info@soundmachine.com.mt



# Marzu 2014

Matul ix-xahar ta' Marzu l-akbar attività kienet l-Awards "Ġieħ l-Isport Malti 2014" li ġew organizzati b'suċċess mill-Kunsill Malti għall-Isport.

It-tiratur William Chetcuti u l-bowler Sue Abela rebħu l-Best Sportsman u l-Best Sportswoman rispettivament li kienu ż-żewġ unuri prinċipali.

Il-Kampjonat Premier daħal f'fażi mill-aktar interessanti hekk kif jidher li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu se tkun bejn Birkirkara u Valletta, bl-aħħar konfront ta' bejniethom jispiċċa fi draw.

Jidher li l-Ewwel u t-Tielet Diviżjoni se jintrebħu minn Pietà Hotspurs u Sirens rispettivament filwaqt li t-Tieni Diviżjoni għadha inċerta bejn it-tliet timijiet ta' Fgura U., Pembroke A. u Mqabba.

Fil-basketball saru magħrufa l-play-offs tas-semi-finali tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel kif ukoll fil-Kampjonat tan-Nisa.

It-Tieni Diviżjoni diġà ntrebħet minn St. Nicholas Suns.

Informazzjoni dwar dan kollu u sport ieħor jinsab f'dan l-aqwa magażin sportiv .....
Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ €25 voucher ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ il-Best Sportsman u l-Best Sportswoman fl-Awards "Ġieħ l-Isport Malti"**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2014:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 83 hija:*
**ITALJA**

*Ir-rebbieħ huwa:*
*Raymond Cutajar (Victoria - Gozo)*





CAR | **HOME** | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# MY HOME

The ideal solution to cover your buildings, contents and valuable possessions. Unwind at home with peace of mind.

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:
MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP
COM NO 250214 820




## Contact Us

+356 2124 0828
info@laferla.com.mt

## Buy Online

www.laferla.com.mt

Find us on Facebook

**Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.**

**Tel: 2124 0828 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt**

**Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.**








Ħarġa nru **84**
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn**
**Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900216

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com
Jason Penza
jpenza@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ray Attard
Roger Azzopardi

*Cover - William Chetcuti u Sue Abela ppreżentati bit-trofew tal-Best Sportsman u Best Sportswomen tal-Awards "Ġieħ l-Isport Malti 2014"*

SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd.
Marsa - Malta

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Werrej

4 **MFA** Magħrufa t-tmien finalisti tal-Kampjonat Ewropew U/17

14 **Albanija v Malta** Malta megħluba b'goal f'kull taqsima

16 **Malta v Svezja U/21** Il-Maltin kien jimmeritahom aħjar

18 **Malta v Azerbaijan U/19** Rebħa għal Malta

20 **FA Trophy** Il-finali se tkun ikkontestata bejn Sliema W. u Valletta

22 **Kampjonat Premier** Valletta jidħlu biċ-ċans għar-rebħ tal-Kampjonat

26 **Kampjonat I Diviżjoni** Pietà H. viċin ir-rebħ tal-Kampjonat

28 **Kampjonat II Diviżjoni** Tliet timijiet biċ-ċans għar-rebħ tat-titlu

29 **Kampjonat III Diviżjoni** Sirens u Swieqi U. promossi għat-Tieni Diviżjoni

30 **Youth FA** Ħarsa lejn il-Kampjonati tal-Youth FA

32 **Sports & Exercise** Osteoarthritis and Exercise

34 **KMS** Isiru b'suċċess l-Awards "Ġieħ l-Isport Malti 2014"

42 **Meusec** Promozzjoni tal-isport tal-għads għal persuni b'diżabbiltà

44 **Gozo Sports** Inawurgurat Ground ieħor tal-football fiż-Żebbuġ

46 **Basketball** Jintemm il-logħob tal-Gruppi tal-Kampjonati

48 **Snooker** Malta megħluba fil-finali mill-Ingilterra

50 **Tiġrijiet taż-Żwiemel** Phenix de la Roque jirbaħ il-finali tal-Assikura Gold Championship

52 **Storja Football Malti** Valletta jillidjaw il-Klassifika

54 **Storja Regatta** It-Tiġrija tal-Vitorja

56 **'Spot The Ball' u Tisliba**

mfa.com.mt

# Magħrufa t-tmien finalist tal-Kampjonat Ewropew tal-U/17

**IT-TMIEN TIMIJIET** li kkwalifikaw għall-Fażi Finali ta' Taħt is-17-il sena liema tournament se jsir f'Malta bejn id-9 u l-21 ta' Mejju saru magħrufa proprju fl-aħħar ġurnata tax-xahar ta' Marzu.

Minbarra Malta, bħala t-team ospitu, is-seba' timijiet l-oħrajn huma:
Ġermanja, Ingliterra, Olanda, Portugall, Skozja, Svizzera u Turkija.

Il-poloz se jittellgħu, nhar l-Erbgħa, 9 ta' April, f'St James Cavalier, fil-Belt Valletta. Din is-serata se tkun immexxija miċ-chairman tal-Kumitat Organizzattiv tas-settur tal-Youths u l-Amateurs, Jim Boyce, flimkien mal-Ambaxxaturi tat-tournament, Fr Hilary Tagliaferro u David Carabott.

Malta se tkun ikklassifikata bħala l-ewwel team fi Grupp A, bis-seba' l-oħra jiġu mtellgħin b'mod normali biex jiġu fformati żewġ gruppi b'erba' timijet 'il wieħed.






# Ftehim bejn l-MFA u l-McDonalds għall-finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena

**IL-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION** u McDonalds (Malta) iffirmaw ftehim biex dawn tal-aħħar jisponsorjaw il-finali tal-Kampjonat Ewropew Under 17 tal-UEFA li se jsir f'Malta, f'Mejju li ġej.

McDonalds se jisponsorjaw dawn il-finali billi se joffru kemm pakkett finanzjarju u kif ukoll ikliet lill-mijiet ta' voluntieri u membri tal-istaff organizattiv tul it-tournament kollu.

Il-President Norman Darmanin Demajo u t-Teżorier Ivan Mizzi iffirmaw f'isem l-MFA u Laura Jasenite, il-Group Marketing Leader iffirmat f'isem il-McDonalds.

Permezz ta' dan il-ftehim McDonalds se jkunu responsabbli mill-għażliet ta' aktar minn 100 tifel u tifla biex waqt il-fażi finali ta' Mejju jservu bħala *escort players*.

McDonalds ikkombinaw dan f'kampanja li trid twassal għall-għażla ta' wieħed minn dawn it-tfal biex iservi bħala *escort player* fil-fażi finali tat-Tazza tad-Dinja, fil-Brażil, f'Ġunju li ġej.

F'dan ir-rigward, l-MFA se tgħin billi toħloq il-faċilitajiet u r-riżorsi għall-attività li se ssir fit-23 ta' April, biex jintgħażlu ż-żgħażagħ.

Dan il-ftehim jagħti wkoll opportunità lil McDonalds biex toffri l-opportunità lill-klijenti tagħha biex jiksbu biljetti b'xejn għal-logħbiet għall-finali tat-tournament Ewropew ta' Taħt is-17-il sena.

Il-kampjonat bħalissa jinsab fil-fażi Elite ta' kwalifikazzjoni b'logħbiet minn dan l-istadju li se jintlagħbu f'dawn l-ahhar jiem ta' Marzu.

L-aqwa seba' timijiet Ewropej se jingħaqdu ma' Malta fit-tournament finali li se jintlagħab bejn id-9 u l-21 ta' Mejju.

Il-poloz taż-żewġ gruppi finali huma pprogrammati fid-9 ta' April li ġej u se jittelaw waqt ċerimonja li se ssir fis-St. James Cavalier fil-Belt Valletta.

## Se jsir l-ewwel kors UEFA Elite Youth A Diploma

IĊ-ĊENTRU TEKNIKU tal-Malta Football Association se jorganizza l-ewwel kors UEFA Elite Youth A Diploma.

Il-kors se jkun twil 85 siegħa u se jkun fuq il-linji gwida tal-UEFA A. Il-kors se jibda fil-25 ta' April u jintemm fil-31 ta' Mejju 2014.

Il-UEFA A Elite hu l-ogħla diploma tal-Youth Coaching offrut mill-UEFA. Il-kors se jkun mifrux fuq tmient ijiem u erba' nofs ta' nhari.

Dan se jsir is-Sibtijiet filgħodu biex il-kowċis kollha jkunu jistgħu jagħmlu l-ħidma mat-timijiet tagħhom matul il-ġimgħa.

Il-kors se jaħbat mal-finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17 u l-kandidati se jkollhom l-opportunità li jaraw xi logħbiet bħala parti mill-kors.

L-assessjar se jkun wieħed kontinwu u l-kandidati mistennija li juru l-abbilitajiet tagħhom f'serje ta' *assignments*.

Finalment se jsiru eżami ta' teorija fi tmiem il-kors minbarra li l-kandidati kollha jridu jagħmlu eżami ta' prattika.

Dan il-kors hu utli għal dawk i-kowċis li jħarrġu timijiet ta' Taħt is-17 u d-19-il sena u kif ukoll għall-Head Coaches fi ħdan il-klabbs lokali.

Matul l-aħħar ġimgħat u biex issaħħaħ is-settur tal-coach education, l-MFA impjegat b'ħin fiss lil Stephen Grima, persuna magħrufa sew f'dan il-qasam u liċenzjat biex iħarreġ kowċis u amministraturi għal-logħba tal-futbol.



# Jibda l-festival tal-Futsal għall-Iskejjel

Mill-bidu ta' dan ix-xahar fil-Cottonera Sports Complex beda l-Festival tal-Futsal għall-Iskejjel, avveniment annwali organizzat mid-Dipartiment tal-Grassroots fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA b'kollaborazzjoni mal-Isport Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Isport.

Wara l-festival ta' qabel tal-aħħar, f'din il-fażi ta' dan l-avveniment, it-timijiet jilagħbu wieħed kontra l-ieħor wara li dawn jintgħażlu mill-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika li wara jagħżlu l-aħjar players mnn fost it-timijiet li ħadu sehem f'din il-fażi biex jirrappreżentaw it-tim tal-kulleġġ fl-aħħar fażi.

L-organizzaturi huma kommessi lejn il-formazzjoni ħolistika tal-parteċipanti inkluża l-edukazzjoni ġenerali, ir-regoli tal-logħba u s-sens tal-Fair Play. Il-players żgħażagħ jirċievu T-shirts bħala memento tal-parteċipazzjoni bil-kortesija tal-MFA u TeamSport waqt li l-General Soft Drinks jipprovdu lill-parteċipanti kollha bl-ilma naturali Kristal. L-għajnuna materjali għal dan il-festival kienet provduta kollha mill-isponsors tal-MFA.

Il-festival ta l-opportunità lill-organizzaturi li jippromwovu l-finali tal-UEFA European Under 17 Finals li se jsiru f''Malta f'Mejju li ġej.

> "Dan l-avveniment qed jikber fil popolarità tiegħu u qed jattira mijiet ta' tfal rappreżentati f'60 tim minn skejjel differenti f'Malta u Għawdex."



# L-Ewwel Internazzjonali 'A' għal Alan Mario Sant






**IL-PARTITA INTERNAZZJONALI** ta' ħbiberija bejn Andorra u Moldova (0-3) milgħuba fl-Estadi Comunal d'Andorra la Vella, f'Andorra, nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu, 2014, kienet l-ewwel partita internazzjonali 'A' ikkontrollata mir-referi internazzjonali Malti, Alan Mario Sant.

Huwa kien megħjun mill-assistenti referis internazzjonali Alan Camilleri u Christopher Francalanza, filwaqt li r-referi internazzjonali Marco Borg kien ir-raba' uffiċjal.

Alan Mario Sant esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dan l-*appointment* prestiġjuż u stqarr li:

"Sa minn meta sirt referi internazzjonali fl-1 ta' Jannar, 2010, kont dejjem nittama li jasal dan il-jum li fih nikkontrolla partita internazzjonali tal-ogħla kategorija. Il-partita kienet waħda divertenti ħafna bil-ballun tiela' u nieżel. Ġeneralment kienet milgħuba fi spirtu sportiv, għalkemm kelli nuri tliet karti sofor.

Il-partita ntlagħbet f'kesħa kbira u lejliet il-logħba kien hemm dubju jekk il-partita kinitx ser tintlagħab minħabba li l-grawnd kien miksi b'26 ċentimetri ta' borra.

Ninsab kuntent ħafna li lħaqt dan l-obbjettiv u ninsab grat lejn id-Dipartiment tar-Referis u l-Kumitat tar-Referis tal-MFA għall-fiduċja li ntweriet fija u l-opportunità mill-isbaħ li nkun fdat b'partita bħal din."

# Aktar skambji ma' referis barranin

**IL-PROGRAMM TA' SKAMBJI** ma' referis barranin kompla fix-xahar ta' Frar. Din id-darba kien imiss uffiċjali mill-Finlandja u r-Repubblika Irlandiża li jikkontrollaw partiti f'Malta, wara li referis Maltin ikkontrollaw partiti fiż-żewġ pajjiżi rispettivi aktar kmieni dan l-istaġun.

Fil-15 ta' Frar, Robert Harvey mir-Repubblika Irlandiza, megħjun minn Trevor Conlon u Declan Toland bħala assistenti referis u Paul Mclaughlin bħala r-raba' uffiċjal, ikkontrolla l-partita mill-Kwarti-Finali tal-U*BET FA Trophy bejn Naxxar Lions u Valletta (0-1) fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali. L-istess uffiċjali, din id-darba mmexxija mir-referi internazzjonali Irlandiż Paul Mclaughlin, ikkontrollaw il-partita bejn Sliema Wanderers u Pietà Hotspurs (2-0) mill-istess stadju tal-kompetizzjoni, fis-16 ta' Frar.

Iż-żewġ kwarti-finali l-oħra, Qormi vs Birkirkara (3-1) fil-15 ta' Frar u Gzira United vs Rabat Ajax (2-1) fis-16 ta' Frar, kienu kkontrollati mir-referi internazzjonali Ville Nevalainen mill-Finlandja, megħjun mill-assistenti referis Ville Koskiniemi u Mika Lamppu, u r-raba' uffiċjal Marko Gronholm.

Bis-saħħa ta' dawn l-iskambji, id-Dipartiment tar-Referis qed ikompli jkattar l-opportunitajiet għar-referis u l-assistenti referis Maltin, inkluż dawk li mhumiex fuq il-Panel tal-FIFA. Dawn l-iskambji huma parti integrali mir-riforma li saret mill-MFA fis-settur tar-refereeing taħt it-tmexxija tad-Direttur Adrian Casha.

Ritratti: D. Aquilina






# Seminar tax-Xitwa għar-referis

**GĦALL-EWWEL DARBA**, id-Dipartiment tar-Referis f'kollaborazzjoni mal-Malta Football Referees Association, organizza seminar tax-xitwa għar-referis.

Wieħed u sittin uffiċjal minn ħames kategoriji differenti attendew dan is-seminar ta' jumejn li sar fil-15-16 ta' Frar, 2014, fil-Lukanda Cavalieri Art, f'San Ġiljan, bi preparazzjoni għall-aħħar parti tal-istaġun.

Il-kelliem ewlieni f'dan is-seminar kien David Elleray, il-membru fil-Kumitat tar-Referis tal-UEFA responsabbli għal Malta.

It-tema ewlenija ta' dan is-seminar kienet 'L-għarfien aħjar tal-logħba u l-konsistenza'. It-temi trattati minn David Elleray kienu l-konfrontazzjoni, il-konċentrazzjoni, il-koperazzjoni bejn l-uffiċjali fil-logħba, l-użu tat-tagħmir elettroniku u x'jistenna l-futbol mir-referis.

Kien hemm ukoll preżentazzjonijiet mill-instructors tar-referis Maltin, Adrian Casha u Victor Mintoff. Adrian Casha analizza għadd ta' sitwazzjonijiet minn partiti riċenti tal-Kampjonat Premier, filwaqt li Victor Mintoff mexxa d-diskussjoni dwar l-analiżi tal-partita mill-U*BET FA Trophy bejn Naxxar Lions u Valletta, li għaliha attendew il-parteċipanti ta' dan is-seminar fl-Istadium Nazzjonali.

Il-parteċipanti kienu maqsumin fi gruppi sabiex jiddiskutu l-kontroll tar-referis Irlandiżi f'din il-kwarti finali mill-FA Trophy u jiddentifikaw l-aspetti pożittivi kif ukoll dawk li jirrikjedu żvilupp.

Aspett pożittiv li ħareġ minn dan is-seminar kien, bla dubju, l-integrazzjoni tar-referis żgħażagħ ma' dawk ta' aktar esperjenza. Il-parteċipanti attendew ukoll għal Quddiesa ġewwa l-Millennium Chapel ikkonċelebrata minn Fr Hilary Tagliaferro YFA u taw donazzjonijiet fi flus u diversi oġġetti tal-ikel sabiex jingħataw lil familji fil-bżonn.



# L-Akkademja tar-Referis fit-Tielet Sena Tagħha





**L-AKKADEMJA TAR-REFERIS** fi ħdan il-Malta Football Association tinsab fit-tielet sena tagħha. L-għan tagħha huwa li tipprepara adoloxxenti fl-etajiet ta' bejn l-14 u s-17-il sena sabiex isiru referis kwalifikati wara programm intensiv mifrux fuq żewġ staġuni.

Bejn il-21 u t-23 ta' Frar 2014, id-Dipartiment tar-Referis f'kollaborazzjoni mal-Malta Football Referees Association, organizza attività li fiha 15-il żagħżugħ u żagħżugħa ltaqgħu ġewwa l-Pergola Hotel & Spa, fil-Mellieħa.

Il-programm kien jinkludi għadd ta' preżentazzjonijiet dwar aspetti differenti tar-Regolamenti tal-Logħba u l-interpretazzjonijiet tagħhom, sessjoni prattika fi grawnd 5-a-side ġentilment provdut minn Mellieħa Sports Club, attivitajiet fi gruppi kif ukoll analiżi tal-partita mill-Kampjonat Premier bejn Tarxien Rainbows u Vittoriosa Stars.

Il-parteċipanti kienu preżenti fil-Victor Tedesco Stadium u qabel din il-partita kienu preżenti fid-*dressing room* tar-referis sabiex jisimgħu l-istruzzjonijiet tar-referi Clayton Pisani lill-kumplament tal-uffiċjali.

L-għada tal-partita Clayton Pisani kien preżenti sabiex jisma' l-osservazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-Akkademja tar-Referis bl-għajnuna tad-DVD tal-partita li kienet għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti fi tmiem il-logħba mill-cameraman tal-MFA, Mario Pisani.

Clayton Pisani għamel ukoll preżentazzjoni interessanti dwar l-irwol tiegħu bħala referi internazzjonali. Preżentazzjonijiet oħrajn kienu dwar id-dmirijiet ta' uffiċjal tal-logħba, il-komunikazzjoni, l-applikazzjoni tar-regola tal-vantaġġ, il-personalità tar-referi, id-dmirijiet tal-assistent referi, l-irwoli tal-assessur u tal-mentor tar-referi, sistema gradata ta' azzjonijiet dixxiplinarji, il-konsistenza, l-interpretazzjoni korretta tal-fouls fil-partita u l-irwol tal-Malta Football Referees Association.

Tyron Cardona u Daniel Portelli, żewġ referis żgħażagħ li sena ilu kienu fost l-ewwel gradwati mill-Akkademja tar-Referis, għamlu preżentazzjoni interessanti dwar il-qabża mit-teorija għall-prattika li huma esperjenzaw f'dan l-ewwel staġun tagħhom bħala referis kwalifikati tal-Malta FA.

Is-sessjoni prattika kienet tikkonsisti f'taħriġ neċessarju għal dak li għandu x'jaqsam ma' tixjir tal-bandiera mill-assistent referi, il-pożizzjoni tar-referi, ir-reazzjoni fil-pront għal sitwazzjonijiet li jkunu jirrikjedu l-intervent immedjat tar-referi, il-kordinazzjoni fil-ġiri, kif ukoll il-koperazzjoni bejn l-uffiċjali tal-logħba.

L-aħħar parti tas-sessjoni prattika kienet tikkonsisti f'partita futbol, li matulha l-parteċipanti kellhom l-opportunità li jaġixxu kemm bħala referis kif ukoll bħala assistenti referis u jingħataw il-pariri meħtieġa dak il-ħin stess mill-*instructors* preżenti.

L-*instructors* li ħadu sehem f'din l-attività kienu Charles Agius, Philip Agius, Alexander Arena, Adrian Casha u Silvio Tanti.





# Aktar tħejjijiet f'Ruma għat-tim nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena

**IT-TIM NAZZJONALI** ta' Taħt is-17-il sena, li f'Mejju se jieħu sehem fil-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew li se jintlagħab f'Malta, fil-ġimgħat li għaddew ħa sehem f'tournament f'Ruma bi tħejjija għal dawn il-finali.

It-tim Malti, taħt it-tmexxija ta' Sergio Soldano, ipparteċipa fir "Roma Caput Mundi" u lagħab tliet logħbiet li minnhom rebaħ tnejn u tilef l-oħra.

Fl-ewwel logħba, it-tim Malti lagħab kontra tim nazzjonali ta' Taħt it-18-il sena mill-Kulleġġi Ingliżi li huwa taħt l-awspiċi tal-FA Ingliża. Malta rebħet 5-3 wara li fetħet vantaġġ ta' 5-0 b'goals ta' Christian Degabriele (2), Aidan Friggieri, Jake Grech u Kieran Nwoko.

Fit-tieni logħba, It-tim Malti tilef bl-iskor ta' 3-0 kontra t-tim nazzjonali Taljan tad-dilettanti ta' Taħt it-18-il sena. F'din il-logħba t-tim Malti sofra l-goals kollha fl-ewwel taqsima u kien sfortunat li ma rnexxielux jiskorja.

It-tim Malti għalaq it-tournament b'rebħa bl-iskor ta' 3-1 kontra t-tim ta' Taħt it-18-il sena ta' San Marino. Joseph Mbong fetaħ l-iskor fis-seba' minuta. San Marino ġabu d-draw wara erba' minuti, imma l-captain Conor Borg reġa' poġġa lil Malta minn fuq fil-15-il minuta.

Ħdax-il minuta fit-tieni taqsima, it-tim Malti aċċerta mir-rebħa b'goal ieħor ta' Mbong. Fil-bidu ta' din il-logħba t-tim Malti kellu żjara sorpriża mill-Prim Ministru Joseph Muscat li nzerta kien Ruma fuq żjara statali. Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo u kif ukoll il-Kap Eżekuttiv, Bjorn Vassallo, laqaw lill-Prim Ministru u ntroduċewh mall-plejers u d-delegazzjoni Maltija. Preżenti kienet ukoll l-ambaxxatriċi għal Malta fl-Italja, is-sinjura Vanessa Frazier.

**Il-players għad-dispożizzjoni tal-kowċ Soldano f'dan it-tournament kienu:**

Jamie Azzopardi
Jake Grech
Nick Ghio
Conor Borg (c)
Christian Degabriele
Aidan Friggieri
Kyrian Nwoko
Juan Corbalan
Joseph Mbong
Carlos Grech
Neil Spiteri
Daniel Buckle
Jean Borg
Mikhail Sciberras
Miles Beerman
Iosef Meli
Mark Scicluna
Luke Galea

# L-attivitajiet mill-MFA għall-istudenti qed iżidu fil-popolarità

**L-ATTIVITAJIET LI L-MFA** qed torganizza għall-istudenti fil-faċilitajiet tal-MFA partikolarment fl-Istadium Nazzjonali qed iżidu fil-popolarità.

F'dawn l-aħħar xhur, l-MFA ippromoviet u organizzat tours mal-Istadium Nazzjonali. Kull tour li jdum madwar sagħtejn jagħti ħafna nformazzjoni u tagħrif dwar l-istorja, l-istruttura u l-amministazzjoni tal-Malta Football Association. L-MFA hija fost l-eqdem assoċjazzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa tant li kienet imwaqqfa fl-1900.

Waqt iż-żjara l-istudenti jittieħdu fid-dressing rooms tat-tim nazzjonali u din tkun armata bħal fil-jum ta' logħba kompetittiva u kif ukoll jittieħdu biex jaraw il-faċilitajiet ewlenin l-oħra.

Matul it-tour jintwera DVD qasir dwar kif plejer jasal sat-tim nazzjonali min-nursery u diversi aspetti oħrajn li għandhom x jaqsmu mal-isport fosthom il-ħajja tal-plejer u li l-progress fl-isport u fl-iskola jimxu flimkien.

It-tfal ikollhom ukoll l-opportunità li jagħmlu sessjoni ta' Fun Football kif ukoll jingħataw souvenirs ta' tifkira lil kulħadd.

Din l-attività qed ikollha s-suċċess mixtieq u prova ta' dan huwa r-rispons li l-MFA tirċievi mill-amministraturi tal-iskejjel li jieħdu sehem f'din l-esperjenza.

Minbarra t-tour tal-istadium, l-MFA qed tgħin ukoll lill-iskejjel li minħabba nuqqas ta' faċilitajiet u spazju ma jistgħux jorganizzaw attivitajiet tal-isport fl-iskola kif ġara dan l-aħħar bl-iskola St. Monica tal-Gżira li kellha l-opportunità li torganizza l-attività annwali tal-isport fis-Centenary Stadium f'Ta' Qali u temmet il-ġurnata fl-Adventure Park li hemm fil-qrib.











# Żjara sorpriża mill-Prim Ministru lit-tim nazzjonali Malti ta' Taħt is-17-il sena



**IT-TIM NAZZJONALI MALTI** ta' Taħt is-17-il sena, li dan l-aħħar kien Ruma jipparteċipa fit-tournament 'Roma Caput Mundi' kellu sorpriża sabiħa lejn tmiem l-ewwel taqsima tat-tielet partita li lagħab kontra San Marino, meta f'ħin minnhom kien preżenti fl-istadium il-Prim Ministru ta' Malta, Joseph Muscat.

Muscat kien qiegħed f'Ruma biex jiltaqa' fi żjara uffiċjali mal-Prim Ministru Taljan, Matteo Renzi, li proprju ħa l-ġurament tal-ħatra tiegħu fil-jiem li għaddew.

Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, u l-Kap Eżekuttiv Bjorn Vassallo, laqgħu din iż-żjara b'ferħa kbira tant li flimkien mas-segretarju tat-team, Jesmond Abela, dawru lill-Prim Ministru sakemm ħa b'idejn il-plejers u l-istaff tekniku kollu.

Dr Muscat irringrazzja lill-plejers nazzjonali kollha tal-unur li jagħmlu lill-pajjiżna fil-massimu tal-kapaċitajiet tagħhom filwaqt li awguralhom għall-futur.

Il-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo rringrazzja lill-Prim Ministru Muscat talli iltaqa' mat-tim nazzjonali filwaqt li feraħlu tal-passjoni li hu wkoll għandu għall-futbol.

Dan it-tournament serva bħala tħejjija għat-tim immexxi mill-kowċ, Sergio Soldano, li se jkun qiegħed jipparteċipa fil-Kampjonati Ewropej ta' Taħt is-17-il sena li se jsir f'pajjiżna, f'Mejju li ġej.

# Rispons fantastiku mill-iskejjel favur il-kampanja Reach Out




**KIEN HEMM RISPONS** fantastiku mill-iskejjel tal-istat u minn dawk privati fil-kampanja Reach Out – Education Zone, inkonessjoni mal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena, li se jintlagħab f'Malta, f'Mejju li ġej.

Aktar minn 50 skejjel Primarji u sekondarji f'Malta u 14 minn Għawdex bagħtu l-applikazzjoni tagħhom biex jipparteċipaw waqt l-avveniment.

Dan hu interess kbir min-naħa tal-iskejjel għall-istudenti tagħhom biex jesperjenzaw l-atmosfera ta' stadium għal-logħbiet tal-fażi tal-gruppi.

Hemm ukoll interess sinifikanti mill-iskejjel biex jieħdu sehem f' *The Exhibition Project.*

Skejjel oħrajn ikkuntattjaw lill-Kumitat Lokali Organizzattiv u talbu għal estensjoni għad-data tal-għeluq peress li matul dan ix-xahar kellhom ir-riżorsi tagħhom iffokati fuq l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Kien hemm qbil li din id-data tal-għeluq tkun estiża.

Huwa l-għan tal-MFA li għal dan l-avveniment jattendu kemm jista' jkun studenti u dan biex dawn igawdu minn esperjenza memorabbli mhux biss li joffri l-futbol, iżda wkoll għal dak li kapaċi jattira pajjiżna bħala destinazzjoni għal turiżmu sportiv ta' kwalità.

# Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena

# Imnedija n-Nurseries Zone u l-One Time Zone



Ritratt: KEITH ABELA

**IL-KUMITAT ORGANIZZATTIV** lokali tal-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena li se ssir Mejju li ġej, f'pajjiżna, kompla bil-kampanja tiegħu REACH OUT meta waqt konferenza tal-aħbarijiet nieda n-Nurseries Zone.

Il-kelliema ewlenija f'din il-konferenza stampa kienu l-Kap Eżekuttiv tal-MFA u chairman tal-Kumitat Organizzattiv, Bjorn Vassallo, u l-president tal-Youth FA, Fr. Hilary Tagliaferro.

Iż-żewġ kelliema l-oħra kienu Norman Saliba, il-kap tal-Marketing tal-MFA u Joe Micallef is-segretarju ġenerali tal-Youth FA, fejn ingħataw dettalji dwar il-fażi finali kif ukoll dwar inizjattivi u l-obbjettivi li jridu jintlaħqu.

In-Nurseries lokali qed jiġu mistiedna biex jiġu organizzati gruppi ta' players żgħażagħ li qed jiġu offruti l-opportunità biex igawdu l-esperjenza ta' din il-fażi finali billi jattendu għal-logħbiet.

Din l-inizjattiva se ġġib magħha wkoll bosta inċentivi kemm għan-Nurseries innifishom kif ukoll għall-individwi.

Huwa stmat li aktar minn 4,000 membru fin-Nurseries kif ukoll aktar minn 2,000 amministratur u ġenituri se jkunu jistgħu jibbenifikaw minn din l-inizjattiva.

Ta' min isemmi wkoll li l-EDUCATION ZONE attirat total ta' 72 applikazzjoni mill-iskejjel madwar Malta u Għawdex biex jiġu organizzati gruppi biex jattendu għal din il-manifestazzjoni. Huwa maħsub li aktar minn 15,000 tifel u tifel se jattendu għal-logħbiet ta' filgħodu.

Sadanittant, il-Kumitat Organizzattiv nieda wkoll il-ONE TIME ZONE li hija diretta lejn il-Kunsilli Lokali. Il-kap tal-Marketing tal-MFA, Norman Saliba, indirizza lis-Sindki u l-viċi-Sindki għal din l-inizjattiva fejn hija mmirata għal dawk in-nies li ġejjin minn setturi tas-soċjetà li ma jsegwux il-logħba tal-futbol bħal Youth Clubs, organizzazzjonijiet u għaqdiet ta' sport ieħor, dawk Ekklesjastiċi, każini, NGO's, etċ.

Dawn qed jiġu nkoraġġiti biex jagħmlu t-talbiet tagħhom ghal biljetti kumplimentari għall-membri tagħhom kif għal persuni li jaħdmu qrib tagħhom.

Dawk li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva mhux biss se jibbenefikaw minn biljett kumplimentari għal waħda mil-logħbiet iżda dawk li jagħmlu użu minn dan il-biljett se jingħataw T-shirt kommemorattiv kif ukoll ikunu eliġibbli li jieħdu sehem f'lotterija.




John Mintoff (Malta) attakkat minn Ansi Agolli (Albanija)

# Malta
## megħluba b'goal f'kull taqsima

**F'PARTITA TA' ĦBIBERIJA**, fin-Niko Dovana Stadium ta' Durres, fl-Albanija, it-team nazzjonali Malti safa' megħlub bl-iskor ta' 2-0 mill-Albanija, bit-team Malti xejn ma jkollu wirja pożittiva tant li l-avversarji tagħna setgħu rebħu bi skor akbar li kieku ħadu ċ-ċansijiet li ħolqu.

Din il-logħba kienet waħda milquta mill-kontroversja bejn il-Malta Football Association u l-club ta' Valletta, li ċertament xejn ma swiet ta' ġid fil-preparazzjoni tal-players Maltin minħabba li l-players Beltin tħallew barra mill-iskwadra.

Pietro Ghedin, il-coach tat-team Malti, għażel li jibda din il-logħba b'Andrew Hogg bejn il-lasta filwaqt li d-difensur laterali ta' Balzan, Steve Bezzina, sab postu fil-formazzjoni inizjali.

Sa mis-suffara inizjali, l-Albaniżi mill-ewwel ħarġu ferm aggressivi fejn huma prattikament iddominaw l-ewwel taqsima u meritatament fetħu l-iskor, fil-25 minuta, meta minn corner ta' Alban Meha mix-xellug, MIGJEN BASHA, kompletament żmarkat f'nofs il-kaxxa Maltija, għola tajjeb u b'daqqa ta' ras preċiża għeleb lil Hogg.

L-Albaniżi komplew













jattakkaw u minuta wara kien Hogg li ċaħħadhom minn goal ieħor meta salva b'sieq् xutt insidjuż ta' Alban Meha.

Fit-38 minuta, daqqa ta' ras ta' Edmond Kapllani għaddiet ftit barra, biex żewġ minuti wara reġa' kien Hogg li salva lit-team Malti fuq xutt ta' Alban Meha.

Fit-tieni 45 minuta, l-andament tal-logħba kompla fuq l-istess binarji biex fit-52 minuta, l-Albanija rdoppjaw il-vantaġġ tagħhom. Kien ALBAN MEHA, li minn madwar 35 metru bogħod, fajjar xutt preċiż li ħalla lil Hogg iħares lejn il-balliun li sab ruħu fir-rokna tax-xibka.

Fil-65 minuta, l-Albaniżi setgħu żiedu goal ieħor, li iżda, ġew imċaħħda minn sieq il-lasti fuq tentattiv ta' Ergys Kace b'Andrew Hogg meghlub għal kollox.

L-ewwel azzjoni tal-Maltin waslet fil-71 minuta meta xutt ta' Michael Mifsud għadda għoli, biex l-aħħar azzjoni tal-logħba waslet mat-tokki tad-90 minuta meta s-sostitut, Terence Vella, li kien għadu kif ħa post l-istess Mifsud, waħdu quddiem Berisha għamel l-impossibbli u xeħet il-ballun fuq il-mimduda.

1 Migjen Basha jiftaħ l-iskor għall-Albanija kontra Malta

2 Il-formazzjoni inizjali Maltija kontra l-Albanija

3 Clayton Failla (Malta) segwit minn Alban Meha (Albanija)

4 André Schembri fl-azzjoni għal Malta kontra l-Albanija

**05.03.2014 - 18.00 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| **Albanija** | M. Basha 25, A. Meha 52 | **2** |
| **Malta** | | **0** |

HT 1-0 **Niko Dovana Stadium - Durres**

**Albanija** – Etrit Berisha (Orges Shehi 85), Andi Lila, Mergim Mavraj, Ansi Agolli, Lorik Cana, Migjen Basha, Alban Meha (Amir Abrashi 64), Ergys Kace (Ledian Memusha 78), Edmond Kapllani, Valdet Rama (Odise Roshi 71), Jahmir Hyka

*Coach* – Pietro Ghedin

**Malta** – Andrew Hogg, Alex Muscat, Steve Bezzina, Gareth Sciberras (Bjorn Kristensen 57), Andrei Agius, Paul Fenech, Clayton Failla, Michael Mifsud (Terence Vella 89), Andrè Schembri (Andrew Cohen 66), John Mintoff, Ryan Camilleri (Edward Herrera 91)

*Coach* – Gianni De Biasi

**Referee** – Dejan Jakimovski (Maċedonja)

**Assistenti** – Isa Emurli, Goce Petreski (Maċedonja)

**Raba' Uff.** – Bardhyl Pashaj (Maċedonja)

**Ammoniti** – L. Cana, E. Kace (A)




Christian Grech (Malta) jimblokka lil Filip Helander (Svezja)

# Il-Maltin kien jimmeritahom aħjar

**IT-TEAM NAZZJONALI MALTI** ta' Taħt il-21 sena kellu wirja qalbenija iżda naqas milli jikseb l-ewwel punt tiegħu fi Grupp 7 meta sofra telfa ta' 2-1 kontra l-Isvezja liema team huwa meqjus bħala ferm aktar qawwi. Fil-verità, il-Maltin kien jimmeritahom għall-inqas punt hekk kif lejn it-tmiem ġew imċaħħda mill-mimduda.

Għal din il-logħba l coach nazzjonali Ray 'Żażu' Farrugia kellu jgħaddi mingħajr is-servizzi taż-żewġ players ferm importanti Zach Muscat u Bjorn Kristensen minħabba li kienu mpenjati mat-team nazzjonali tal-kbar, f'Durres, fil-partita ta' ħbiberija kontra l-Albanija.

Dan minbarra li tħallew barra ż-żewġ players ta' Valletta, Yenz Cini u Luke Montebello minħabba li l-kontroversja bejn l-MFA u l-istess club li serqet ix-xena f'dik l-istess ġimgħa.

Fl-iskwadra mmexxija minn Farrugia ġew msejħa erba' players ġodda - Shaun Gauci u Ryan Micallef ta' Rabat Ajax, Cain Attard ta' Pietà Hotspurs u Keith Tanti ta' St George's ... bid-difensur tal-Hotspurs jingħata d-debutt mill-bidu tal-logħba fejn kellu prestazzjoni mill-aqwa.

Kienu l-Maltin li, kontra kull mistenni, ħarġu fuq l-offensiva u mal-ewwel attakk irnexxielhom isibu x-xibka meta wara biss disa' minuti, Alexander Milosevic naqas milli jikklerja l-ballun biex RYAN SCICLUNA approfitta, avvanza ... u b'xutt fil-baxx għeleb lil August Stromberg.

L-Isvezja rrispondew tliet minuti biss wara meta minn corner mil-lemin qamet taħwida fil-kaxxa u xutt ta' Filip Helander gie mblokkat minn Christian Cassar. Ftit wara, l-Isvediżi kellhom iġibu l-iskor indaqs meta Mikael Ishak xeħel ftit għoli bil-ras wara li rċieva minn cross ta' John Guidetti.

Fid-29 minuta, il-Maltin naqsu milli jikklerjaw corner ta' Ludwig Augustinsson .... qamet taħwida fil-kaxxa u l-captain Svediż, ALEXANDER MILOSEVIC, ra x-xutt mill-viċin tiegħu jintemm fix-xibka.

Fit-38 minuta, John Guidetti ipprova jillobja l-ballun minn fuq Jurgen Borg iżda l-goalkeeper Malti tar tajjeb u dawwar f'corner. Immedjatament wara, minn corner ta' Ludwig Augustinsson, qam paniku fid-difiża Maltija iżda l-goalkeeper Jurgen Borg kien pront jinnewtralizza.

Eżatt mal-tmiem tal-ewwel taqsima, il-Maltin tilfu ċans tad-deheb li jmorru fil-vantaġġ meta Jean Paul Farrugia minn quddiem August Stromberg ra lill-istess goalkeper Svediż idawwar tajjeb f'corner.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima kienu l-Isvediżi

li ħolqu l-ewwel azzjoni perikoluża meta minn cross ta' Mikael Ishak, ħareġ tajjeb Jurgen Borg li minn mal-art interċetta tajjeb il-ballun. Fit-58 minuta, xutt ta' Mikael Ishak għadda għoli mil-lasti difiżi minn Jurgen Borg.

Fil-65 minuta, kien imiss lil Viktor Claesson li jara x-xutt tiegħu jintemm għoli. Erba' minuti wara, l-Isvediżi skorjaw dak li kellu jkun il-goal tar-rebħa permezz ta' freekick mill-isbaħ ta' JOHN GUIDETTI li ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper Jurgen Borg isalva.

Il-Maltin tilfu ċans tad-deheb li jagħmlu l-iskor indaqs meta, fil-75 minuta, freekick dirett tal-attakkant ta' Hibernians, Jean Paul Farrugia, stampa mal-mimduda bil-goalkeeper Svediż August Stromberg megħlub għal kollox.

**05.03.2014 - 14.30 hrs**

**Malta** 1
R. Scicluna 9

**Svezja** 2
A. Milosevic 38, J. Guidetti 69

HT 1-1 **National Stadium**

**Malta** – Jurgen Borg, Cain Attard, Christian Grech, Steve Pisani (Lydon Micallef 67), Clyde Borg, Jurgen Pisani (Ryan Micallef 77), Louis John Cutajar, Ryan Camenzuli, Ryan Scicluna, Daniel Zerafa, Jean Paul Farrugia
*Coach* – Ray Farrugia

**Svezja** – August Stromberg, Mattias Johansson, Alexander Milosevic, Filip Helander, Ludwig Augustinsson, Viktor Claesson, Oscar Lewicki, Andreas Blomqvist (Kristoffer Olsson 72), Robin Quasin (Simon Kroom 59), John Guidetti, Mikael Ishak (Christoffer Nymam 85)
*Coach* – Hakan Ericson

**Referee** – Enea Jorgji (Albanija)
**Assistenti** – Denis Rexha, Egin Doda (ALB)
**Raba' Uff.** – Andi Koċi (Albanija)
**Ammoniti** – S. Pisani, J. P. Farrugia, D. Zerafa, C. Borg (M); A. Milosevic (S)

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Polonja | 7 | 5 | 0 | 2 | 16 | 7 | 15 |
| Greċja | 6 | 4 | 0 | 2 | 17 | 6 | 12 |
| Svezja | 6 | 3 | 1 | 2 | 13 | 11 | 10 |
| Turkija | 6 | 3 | 1 | 2 | 10 | 7 | 10 |
| Malta | 7 | 0 | 0 | 7 | 2 | 27 | 0 |


Ryan Scicluna jiftaħ l-iskor għal Malta kontra Svezja


Filip Helander (Svezja) jindirizza l-ballun bir-ras fil-kaxxa Maltija

Ryan Scicluna (Malta) jiirbaħ il-ballun minn fuq Robin Quaison (Svezja)



## Football tan-Nisa ta' Taħt id-19-il sena




L-iskwadra Maltija tat-Tfajliet ta' Taħt id-19-il sena

# Rebħa għal Malta fuq l-Azerbaijan

**F'PARTITA TA' ĦBIBERIJA**, it-team nazzjonali tat-Tfajliet ta' Taħt id-19-il sena, immexxi mill-coach Mark Gatt, għeleb lil dak tal-Azerbaijan bl-iskor ta' 2-1.

It-team Malti kien territorjalment aħjar mill-avversarji fejn kien dixxiplinat f'kull dipartiment u bi ftit aktar attenzjoni l-iskor seta' kien akbar.

Sa mis-suffara inizjali, il-Maltin ħarġu fuq l-offensiva biex isibu goal kmieni fejn irnexxielhom jagħmlu dan wara kwarta logħob meta Martina Borg, wara azzjoni personali, żmarkat lil CLAUDETTE XUEREB li kompliet il-ballun għal ġewwa.

Wara dan il-goal, il-Maltin komplew igawdu mill-pussess tal-ballun fejn urew intelliġenza u maturità fil-logħob tagħhom.

Wara l-mistrieħ, l-avversarji kienu aktar avventurużi, li iżda, il-players Maltin bdew jikkontrollaw kull sitwazzjoni sakemm wara siegħa logħob, żball fi tliet kwarti ta' ground ippermetta lill-avversarji jiksbu l-goal tad-draw.

Kien goal li ġiegħel lill-coach Malti jagħmel bidla tattika fejn introduċa lil Raina Giusti liema mossa ħalliet il-frott mixtieq.

Dan minħabba li, fil-75 minuta, l-attakkanta ta' Birkirkara kienet strumentali biex ġie skorjat il-goal tar-rebħa.

Azzjoni mibdija minn Shona Zammit, Raina Giusti għelbet żewġ avversarji biex għaddiet lejn ANN MARIE MUSCAT li minn qagħda ideali għelbet għal kollox lill-goalkeeper avversarja.

F'kumment qasir il-coach, Mark Gatt, esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal din ir-rebħa u fuq kollox għall- prestazzjoni kollettiva tal-players tiegħu:

"Ninsab kuntent ħafna bil-prestazzjoni u bir-riżultat ta' din il-partita meta wieħed iqis li qed nibnu skwadra ġdida fejn bosta players ġejjin mill-iskwadra ta' Taħt is-16-il sena.

"Sodisfatt ukoll għax il-players lagħbu b'impenn massimu u b'qalb kbira. Dan minbarra li urew rispett lejn l-avversarji mingħajr l-iċken sintomu ta' inferjorità.

"Lgħabna tattika of-











fensiva kif ukoll irnexxielna nżommu l-pussess tal-ballun għal bosta ħinijiet.

"Nista ngħid ukoll li għall-ewwel darba, Jade Flask, lagħbet fil-pożizzjoni ta' difensur ċentrali liema pjan irnexxa fil-massimu tiegħu għax rari ġiet antiċipata.

"Kien fil-bidu tat-tieni taqsima li ġejna ppressati mill-avversarji iżda, minbarra l-goal li sofrejna, irnexxielna nagħrfu kif nikkontrollaw il-kumplament tal-logħba.

"L-introduzzjoni ta' Raina Giusti matul l-aħħar nofs siegħa tat spinta aktar lis-settur ta' nofs il-ground u aktar saħħa lill-attakk bil-konsegwenza li skorjajna t-tieni goal u qatt ma dherna f'xi periklu li l-avversarji setgħu jagħmlu xi forma ta' ħsara.

"Issa rridu nkomplu nibnu fuq din ir-rebħa u nkomplu naħdmu biex intejbu l-logħba tagħna. Iżda l-fatt li dan il-grupp huwa l-bażi soda ta' skwadra ġdida huwa nkoraġġanti ħafna."

1. Rodianne Zerafa (Malta) taqbeż lil Aysun Aliyeva (Azerbaijan)

2. Iż-żewġ captains, Brenda Borg (Malta) u Amina Heydarova (Azerbaijan) jieħdu b'id xulxin qabel il-partita

3. Il-formazzjoni inizjali Maltija li għelbet lil Azerbaijan bl-iskor ta' 2-1

4. Il-formazzjoni inizjali tal-Azerbaijan

5. Taqtiegħa għall-ballun bejn Ann Marie Muscat (Malta) u Aliya Valiyeva (Azerbaijan)

**07.03.2014 - 17.30 hrs**

**Malta** 2
C. Xuereb 8, A. Muscat 79

**Azerbaijan** 1
S. Jafarzade 54

**HT 1-0 Centenary Stadium**

**Malta** – Janice Xuereb (Rachel Borg 62), Alessia Caschetto (Darya Attard 75), Rodianne Zerafa (Megan Jones 62) (Rodiana Borg 86), Ann Marie Muscat, Shona Zammit, Martina Borg, Jade Flask, Claudette Xuereb (Raina Giusti 58), Brenda Borg, Alishia Sultana, Charlene Cassia

*Coach* – Mark Gatt

**Azerbaijan** – Aylaj Sharifova, Zhala Maksimova (Kamilla Mammadova 14), Marta Perarnau, Amina Heydarova, Aliya Valiyeva, Sevinj Jafarzade, Nigar Jalilli (Susan Maksimova 68), Shafag Nasirova, Aysun Aliyeva, Sabrina Ronaghi, Tenyska Taylor (Laman Baghirova 87)

*Coach* – Patricia Gonzalez

**Referee** – Adrian Azzopardi

**Assistenti** – Mitchell Scerri, Peter Abela



Triston Caruana (Qormi) jipprova jantiċipa lil Stanley Ohawuchi (Sliema W.)

# Il-finali se tkun ikkontestata bejn Sliema W. u Valletta


Jean Pierre Mifsud Triganza (Valletta) attakkat minn Justin Camilleri (Gzira U.)

### Semi-Finali 1

**19.03.2014 - 14.00 hrs**

| | |
|---|---|
| Gzira United | 0 |
| Valletta | 2 |
| E. Agius 24, L. Cremona 91 | |

HT 0-1 **National Stadium**

**Gzira U.** – Kyle Gerada, Yanis Tonna (Christian Cassar 57), Rennie Forace, Andre White, Justin Camilleri, Bjorn Bondin, Ryan Deguara (Jeffrey Chetcuti 69), Martin Kotyza, Pape Gueye, Moises Avila Perez, Steve Meilak (Shawn Vella 76)

*Coach* – Ivan Zammit

**Valletta** Nukri Revishvili, Jonathan Caruana, Steve Borg, Ryan Fenech, Edmond Agius (Jean Pierre Mifsud Triganza 76), Roderick Briffa, Oscar Reyes Sanchez, Hamza Barry, Shaun Bajada (Llywelyn Cremona 62), Lateef Elford Alliyu (Luke Montebello 67), Abdel Karim Nafti

*Coach* – Andre Paus

**Referee** – Chris Lautier

**Assistenti** – Chris Francalanza, Thomas Debono

**Raba' Uff.** – Roberto Vella

**Ammoniti** – C. Cassar (GU); R. Fenech, O. R. Sanchez

**Tkeċċa** – M. A. Perez 82 (GU)

### Semi-Finali 2

**19.03.2014 - 16.00 hrs**

| | |
|---|---|
| Sliema Wanderers | 1 |
| I. Woods 90 | |
| Qormi | 0 |

HT 0-0 **National Stadium**

**Sliema W.** – Glenn Zammit, Alex Muscat, John Mintoff, Mark Scerri, Stanley Ohawuchi, Clifford Gatt Baldacchino, Trevor Cilia (Jacob Borg 66), Paltemio Barbetti, Matias Muchardi (Ivan Woods 46), Stefano Bianciardi, Admir Vladavic

*Coach* – Alfonso Greco

**Qormi** – Matthew Farrugia, Jonathan Bondin, Emerson Vella, Giorgio Gianola, Simone Quinteri, Triston Caruana, Gabriel Da Silva, Leighton Grech, Alfred Effiong, Duncan Pisani, Jorge Pereira Da Silva

*Coach* – Karel Zeman

**Referee** – Philip Farrugia

**Assistenti** – Alan Camilleri, Luke Portelli

**Raba' Uff.** – Marco Borg

**Ammoniti** – P. Barbetti, M. Scerri, J. Mintoff (SW); A. Effiong (Q)

U*BET®

HORSE RACING - SPORTS BETTING - FORMULA 1 - MOTO GP - SNOOKER - RUGBY - & MORE...



PLAY RESPONSIBLY 18+

www.ubet.com.mt



# Valletta jidħlu biċ-ċans għar-rebħ tal-Kampjonat

**META FADAL ĦAMES** ġranet biex jintemm il-Kampjonat Premier, Valletta reġgħu daħlu biċ-ċans li jirbħu t-titlu wara li Birkirkara sfaw megħluba bl-iskor ta' 1-0 minn Hibernians biex id-distakk naqas għal żewġ punti.

L-aħħar konfront dirett bejn Birkirkara u Valletta spiċċa fi draw ta' mingħajr goals biex teżisti possibbiltà kbira li l-aħħar logħba tal-Kampjonat, li se tintlagħab bejn l-istess żewġ timijiet, nhar is-26 ta' April, li ġej, tkun dik deċiżiva ...

Wara serje negattiva, fejn tilfu l-ewwel żewġ logħbiet taċ-Championship Pool (kontra Mosta 2-1 u Valletta 3-1), Hibernians jidhru li ġew f'tagħhom bi tliet rebħiet konsekuttivi kontra Balzan (4-2), Birkirkara (1-0) u Sliema (3-1) biex qabżu waħedhom fit-tielet post.

Min-naħa ta' Sliema Wanderers, rebħu waħda kontra Balzan (4-0), żewġ draws kontra Valletta u Mosta bl-iskor identiku ta' 1-1 u tilfu tnejn kontra Bikirkara u Hibernians ... ukoll bl-iskor identiku ta' 3-1.

Mosta jibqgħu t-team enigma u mprevidibbli, li iżda, laħqu lil Sliema Wanderers fir-raba' post meta għandhom 27 punt. Balzan qed isibu l-ħajja diffiċli fiċ-Championship Pool meta tilfu l-logħbiet kollha tagħhom biex estendew din is-serje negattiva għal sitt telfiet infila meta fl-aħħar logħba tal-Ewwel Fażi sfaw megħluba minn Valletta bl-iskor ta' 1-0.

Fir-Relegation Pool kollox għadu inċert. Filwaqt li Floriana u Tarxien Rainbows jinsabu jillidjaw din il-kategorija b'21 punt, warajhom hemm Qormi u Naxxar Lions, bi 17-il punt segwiti minn Vittoriosa Stars (14) u Rabat Ajax (4), b'dawn tal-aħħar jidhru destinati għar-relegazzjoni.

Meta kull team irid jilgħab ħamest partiti, dawn il-logħbiet huma meqjusa "finali" minħabba li min iwaqqa' l-punti jkun ifisser skoss qawwi lejn l-Ewwel Diviżjoni.

Dan il-fatt għandu jagħmel din il-kategorija mill-aktar interessanti għax, minbarra Rabat Ajax, kull team jista' jsalva u kull jista' jiġi relegat.

Haruna Shola Shodiya (Birkirkara) attakkat minn Jonathan Caruana (Valletta)

**KIF JINSABU**

**Championship Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 27 | 21 | 3 | 3 | 61 | 22 | 38 |
| Valletta | 27 | 19 | 5 | 3 | 61 | 19 | 36 |
| Hibernians | 27 | 18 | 2 | 7 | 67 | 35 | 33 |
| Sliema W. | 27 | 13 | 9 | 5 | 51 | 32 | 27 |
| Mosta | 27 | 14 | 4 | 9 | 53 | 45 | 27 |
| Balzan | 27 | 8 | 4 | 15 | 30 | 49 | 14 |

**Relegation Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 27 | 11 | 5 | 11 | 42 | 43 | 21 |
| Tarxien R. | 27 | 8 | 5 | 14 | 39 | 48 | 21 |
| Qormi | 27 | 7 | 4 | 16 | 43 | 54 | 17 |
| Naxxar L. | 27 | 8 | 6 | 13 | 34 | 51 | 17 |
| Vittoriosa S. | 27 | 6 | 5 | 16 | 33 | 60 | 14 |
| Rabat A. | 27 | 1 | 4 | 22 | 19 | 75 | 4 |

** Floriana b'6 punti mnaqqsin*

### Relegation Pool

**Logħba Nru 139 - 25.02.2014 - 18.00 hrs**

**Vittoriosa Stars** 1
G. Martin 52

**Floriana** 3
B. Farrugia 37, I. Coronado 44, R. Emeka 85

HT 0-2 **Victor Tedesco Stadium**

**Vittoriosa S.** – Mario Muscat, Michael Camilleri, Samir Arab, Leonardo Torri, Gilbert Martin (Carl Sammut 80), Marcelo Pereira, Clive Brincat, Oscar Guerrero, Luke Vella Critien, Francisco Mella Arriagada (Mitigo Garcia 46), Sidibe Ousmane
*Coach* – Oliver Spiteri
**Floriana** – Daniel Hanford, Ibok Edet, Christian Caruana, Igor Coronado, Diogo Pinheiro De Sousa (John Roland Emeka 74), Jonathan Xerri, Clyde Borg, Joseph Borg (Andre Scicluna 83), Brooke Farrugia (Isaac Galea 64), Gary Muir, Sacha Borg
*Coach* – Ian Dawes
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – M. Garcia, S. Ousmane (VS), J. Borg, I. Galea (F)

### Relegation Pool

**Logħba Nru 140 - 25.02.2014 - 20.00 hrs**

**Rabat Ajax** 0

**Qormi** 3
E. Vella 15, J. G. Da Silva 75, A. Effiong 80

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Rabat A.** – Pavle Velimirovic, Shawn Gauci, David Azzopardi, Patrick Borg, Ivan Carapic, Joseph Caruana (Dylan Falzon 84), Wayne Borg (Jonathan Bajada 65), Sorin Virgil Oproiescu, Malcolm Licari, Ryan Micallef, Chris Vella (Diego Carrillo Pendas 46)
*Coach* – Steve D'Amato
Professor Mark Baker, Centre for Clinical Practice Director at NICE, said: "There's a common but mistaken belief that osteoarthritis is an inevitable part of ageing and that it will get worse, but that's not the case. This updated guidance provides evidence-based recommendations on the most effective ways of diagnosing and managing osteoarthritis, to help improve the lives of people affected by it.

"The guidance highlights that the core treatment for osteoarthritis remains exercise - this not only helps relieve pain for some people but also improves function. For people with osteoarthritis who are overweight or obese, offering advice on ways to lose weight as part of helping them self-manage their condition, is another amended original recommendation."

In fact there is little evidence to suggest that regular recreational exercise is anything but good for the joints. When the physical activity guidelines (150 minutes per week) are met, there is no associated risk with





incident knee osteoarthritis. We have to remember that in the development of osteoarthritis there is a strong relationship between somebody's genetics and the environment, the strongest factors being obesity, family history, gender and injury. In terms of exercise recommendation for people already suffering with osteoarthritis many health professionals recommend cross training, ideally with non-impact loading, and attempts to avoid significant acute injury with sports that frequently involve changes in direction or contact. Exercise has a significant effect on pain and function in 50-75% of osteoarthritic patients, which is comparable to taking NSAIDs, yet without the side effects. Health professionals do not prescribe exercise to manage just one health condition but rather to gain as many health benefits as possible. However in the case of osteoarthritis certain precautions must be adhered to not aggravate the symptoms. In conclusion exercise prescription should be a combination of aerobic, strength and balance work to target co-morbidity and other risks of inactivity as well as the osteoarthritis. Ideally this exercise programme is managed by a team of healthcare and fitness professionals well versed in this subject and with the condition.

Dr Kirill Micallef Stafrace is the Vice-President of the European Federation of Sports Medicine Associations (EFSMA)
sportmedicinedoc@gmail.com

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



# Isiru b'suċċess l-Awards "Ġieħ l-Isport Malti 2014"

Gieħ l-isport Malti 2014

Nhar is-Sibt 15 ta' Marzu, saret l-ewwel edizzjoni tal-*Awards* "Ġieħ l-Isport Malti" organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport.

Fid-diskors tiegħu, is-Segretarju Parlamentari Buontempo qal li kif kull inizjattiva li ttieħdet, kienet proprju fl-aħjar interess tal-atleti.

Huwa elenka l-investiment li sar f'faċilitajiet sportivi ħalli t-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti, ikollhom post ta' livell fejn jipprattikaw l-attività fiżika. Dan sar b'investiment ta' €500,000 lill-Gozo Football Association; €3 miljuni lill-Malta Football Association u €1 miljun lill-għaqdiet sportivi minuri.

Żewg proġetti oħra huma l-pitch tal-waterpolo u l-grawnd tal-futbol ġewwa Birżebbuġa, liema żewg proġetti ser jiswew 'il fuq minn €3 miljuni. Dan qed isir biex jingħataw opportunitajiet liż-żgħażagħ tan-naħa t'isfel ta' Malta.

Sar ftehim ieħor mal-Kumitat Olimpiku Malti, li jkopri erba' snin u ġew investiti €4 miljuni. Dan huwa investiment sabiex ikun hemm ippjanar aħjar u l-atleti tagħna jkunu jistgħu jippreparaw bl-aħjar mezz għal-kompetizzjonijiet internazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo qal li qed tissaħħaħ l-amministrazzjoni sportiva, billi bis-saħħa ta' fondi Ewropej, 'il fuq minn mitt amministratur fil-qasam tal-isport, qed jattendu kors fit-tmexxija ta' organizzazzjoni sportiva.

Hu kompla jgħid li tul it-tieni sena tal-leġislatura, sejra titnieda l-Istrateġija Nazzjonali Sportiva, liema strateġija sejra tkopri is-snin 2014-2018.

Dr Buontempo għalaq id-diskors tiegħu billi qal li l KMS ser jinbidel l irwol tiegħu għal dak ta' regolatur, ikun l-entità li joħroġ bi strateġiji u kodici ta' etika u jara li l-programmi li ser jibdew isiru minn terzi, ikunu qed jilħqu l-miri għal x'hiex ikunu ġew imnedija.

Min-naħa tiegħu, l-Onorevoli Luciano Busuttil, Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, feraħ lill-finalisti kollha fejn qal li dawn l-awards huma ċelebrazzjoni għal kull min lokalment u fix-xena internazzjonali għamel isem għalih personali u għall-Assoċjazzjoni tiegħu u għal pajjizna. Huwa qal li dan l-avveniment sar fi sfond xejn feliċi, fejn il-Kunsill Malti għall-Isport wiret sitwazzjoni finanzjarja diffiċli. Għalhekk mill-ewwel il-kumitat organizzattiv ħa deċiżjoni iebsa u ċara fejn fil-fatt sar avveniment ta' kwalità għolja però fl-istess ħin b'ħafna inqas finanzi mill-edizzjonijiet tal-passat. Iċ-Chairman kompla jgħid li din kienet sfida li ntrebħet għal diversi raġunijiet, fosthom il-kontribut finanzjarju tal-isponsors li fehmu l-importanza nazzjonali ta' dan l-avveniment, it-tneħħija tal-ħela u l-aħħar u mhux l-inqas il-fatt li kienu diversi ħaddiema tal-

Kunsill Malti għall-Isport li fehmu s-sitwazzjoni diffiċli u anke ħadmu diversi sigħat b'mod volontarju biex dan l-avveniment ikun suċċess.

Matul din is-serata, panel ta' ġurija esperti magħmula minn ġurnalisti sportivi ġejjin mill-*media houses* ewlenin f'Malta, ivvotaw *'live'* għar-rebbieħ/a f'kull kategorija, filwaqt li fil-kategoriji ta' *Best Sportsman* u *Best Sportswoman with Special Needs*, ir-rebbieħ u r-rebbieħa tħabbru dakinhar wara li dawn kienu ġew magħżula minn bord ta' esperti fil-kamp li twaqqaf separatament biex jagħżel l-atleti li kien jistħoqqilhom dan l-unur.

Il-pubbliku wkoll ta s-sehem tiegħu permezz ta' *sms* li seta' jintbagħat fuq in-numri abbinati ma' kull isem tal-favorit/a tiegħu għan-*National People's Choice Award*. Il-voti tat-televoting ġew miżjuda ma' dawk tal-federazzjonijiet/assoċjazzjonijiet biex imbagħad tħabbar ir-rebbieħ/a.

Is-serata kienet ippreżentata minn Rodney Vassallo u Pamela Schembri. L-okkażjoni kienet mżewqa bil-mużika tal- Mro. Paul Abela u l-*band* tiegħu, esibizzjoni artistika mill-ġinnasti ta' 'Gymstars' kif ukoll bil-mistiedna speċjali 'Firelight', il-grupp rebbieħ tal-Eurovision ta' Malta li se jirrappreżentaw lil pajjiżna fid-Danimarka, f'Mejju li, ġej u ċ-ċkejkna Gaia Cauchi li rebħet il-Junior Eurovision Song Contest.

L-organizzaturi rringrazzjaw ukoll lid-diversi sponsors li taw l-appoġġ tagħhom biex din l-okkażjoni kienet waħda ta' suċċess. Dawn kienu Bank of Valletta, Allcar Insurance Ltd, MSV Life, Vascas,

Is-serata finali tal-*awards* ta' "Ġieħ l-Isport Malti 2014" saret fil-lukanda Radisson Blu Resort and Spa Malta Golden Sands u xxandret diretta fuq TVM2.

## LISTA TAR-REBBIEĦA:

**Best Sportswoman Award**
Sue Abela (Malta Tenpin Bowling Association)

**Best Sportsman Award**
William Chetcuti (Malta Shooting Sport Federation)

**Best Team Award**
Tim tal-Irġiel tal-Waterpolo (Aquatic Sports Association of Malta)

**Best Young Sportsperson Award**
Nathan Lee Xuereb (Malta Shooting Sport Federation)

**Best Coach Award**
Karl Izzo (Aquatic Sports Association of Malta)

**Best Official Award**
Edwin Vella (Malta Shooting Sport Federation)

**Best Sportswoman with Special Needs Award**
Sarah Caruana (Atlethics Athlete)

**Best Sportsman with Special Needs Award**
Jean Paul Grech (Football Player)

**National People's Choice Award**
Dermot Galea (Malta Triathlon Federation)









# Il-funzjoni tal-Kumpless Tal-Pixxina Nazzjonali

Wieħed mill-aktar kumplessi sportivi popolari f'Malta huwa dak f'Tal-Qroqq jew kif inhu magħruf aħjar il-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali. Dan il-kumpless huwa wieħed mill-erbà kumplessi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà amministrattiva tal-Kunsill Malti għall-iSport (KMS). Huwa jinsab bieb ma' bieb mal-Universit ta' Malta bejn l-Imsida u l-Gzira.

Il-Kumpless F'Tal-Qroqq huwa ffrekwentat minn numru kbir ta' sportivi tul is-sena kollha. Ġewwa dan il-Kumpless insibu l-unika pixxina Olimpika ta' 50m li tinsab f'Malta kif ukoll pixxina oħra zgħira ta' 25m li tissejjaħ 'diving pool' - dan minħabba l-fatt li f'din il-pixxina partikulari jista' jsir taħriġ u kompetizzjonijiet tal-qbiż mill-għoli. F'dan il-kumpless insibu wkoll erba' squash courts, fitness centre u sala fejn jintlagħbu kompetizzjonijiet bħal handball, basketball u volleyball. Żewġ squash courts u s-sala jiġu amministrati mill-KMS wara s-6.00 p.m., mit-Tnjen sal-Ġimgħa, is-Sibtijiet u l-Ħdud. Dan seħħ wara li kien sar ftehim bejn il-KMS u l-Università ta' Malta biex dawn il-faċilitajiet jkunu użati tul il-ġimgħa kollha. Hafna huma dawk l-assoċazzjonijiet li għandhom l-uffiċini tagħhom f'dan il-kumpless, kif ukoll entitajiet mhux governattivi (NGO). Fost dawn insibu l-Handball Association, Amateur Swimming Association, Triathlon Malta u Special Olympics. Bosta huma l-klabbs tal-għawm lokali li għandhom ukoll kamra fuq id-*deck* tal-pixxina. Dawn il-faċilitajiet kollha jagħmluha possibbli biex numru kbir ta' dixxiplini sportivi jagħmlu kemm it-taħriġ tagħhom kif ukoll immexxu l-amministrazzjoni tal-assoċazzjonijiet tagħhom mill-Kumpless.

Il-pixxina tiġi użata s-sena kollha kemm minn klabbs lokali kif ukoll minn clubs u timijiet barranin tal-għawm u tal-waterpolo. F'dan il-kumpless isiru l-kompetizzjonijiet kollha nazzjonali u internazzjonali tal-għawm u tal-waterpolo. Il-KMS jagħti sussidju lill-assoċjazzjoni tal-għawm (ASA) biex hi tkun f'pożizzjoni tajba biex dawn il-kompetizzjonijiet jistgħu iseħħu. L-ASA ikollha kalendarju intensiv ta' tlielaq tal-għawm li jilħaq il-quċċata tiegħu bil-kampjonati nazzjonali li jsiru f'Lulju. Isir ukoll l-*Easter Meeting* fejn bosta klabbs lokali itellqu ma' klabbs barranin li jiġu fil-Gżejjer tagħna speċifikament għal dan l-avveniment.

F'dawn l-aħħar snin twieled sport ġdid hawn Malta: dak tas-*'synchronised swimming'*. It-team diġà beda jagħmel suċċess barra minn xtutna. It-taħriġ ta' dawn id-dixxiplini akkwatiċi jsir tul il-ġimgħa kollha ġewwa l-kumpless. Bosta huma dawk l-għawwiema li jitħarrġu sa darbtejn kuljum. Wieħed għandu jammira din id-dedikazzjoni u sagrifiċċju ta' dawn l-atleti. Ma jistax jonqos li nsemmu lill-ġenituri tagħhom li mal-5.00 a.m. jkunu diġà wasslu lit-tfal





tagħhom fil-kumpless.

Wieħed però jrid jenfasizza li l-pixxina mhix biss riservata għall-klabbs. Ħafna huma l-membri li jagħmlu użu minnha għat-taħrig personali tagħhom jew bħala eżerċizzju. L-iskema *Senior Citizens on the Move* fetħet il-bibien tal-Kumpless ukoll għall-anzjani li jistgħu jgħumu bejn it-8.00 a.m. u 12.00 p.m. bla ħlas mit Tnejn sal-Ġimgħa. L-*isquash courts* jistgħu jiġu użati wkoll mill-pubbliku u dawn jisgħu jagħmlu l-*bookings* tagħhom direttament mis-sit tal-KMS li huwa www.sportmalta.org.mt

Il-KMS jorganizza wkoll programmi ta' attivitajiet tul is-sena kollha ġewwa dan il-Kumpless. Il-programm ta' Skolasport li jsir kull nhar ta' Sibt jiġbor fih attivitajiet bħall-għawm, logħob u attivitajiet ġewwa s-sala, squash, judo u triathlon għal tfal taħt is-16-il sena. Il-parteċipazzjoni għal dawn il-programmi hija waħda impressjonanti u dan grazzi għall-impenn tal-kowċis u koordinaturi tal-programmi tal-KMS li jżommu livell għoli fis-servizz provdut. Fis-sajf, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, isir il-programm *'Summer on the Move'* bejn it-8.00 a.m. u 12.00 p.m. Għal dan il-programm, fil-Kumpless ikun hem madwar elf tifel u tifla.

L-impenn tal-KMS huwa li jibqa' jagħti servizz xieraq lill-poplu minn dan il-Kumpless. Qed isir sforz biex il-kumpless jiġi rranġat u mogħti dehra aħjar, u dan biex il-livell tal-isport Malti dejjem jitjieb.

## Ħinijiet tal-Ftuħ (Pixxina u Squash Courts)

| | |
|---|---|
| Tnejn sal-Ġimgħa | 05:30 – 22:00 |
| Sibt | 07:00 – 18:00 |
| Ħdud u Festi | 07:00 – 17:00 |

**Kuntatt** Dermot Galea
Emejl:Dermot.Galea@Sportmalta.org.mt
Telefon: 22036301

# Il-Programm ta' KMS Skolasport sponsorjat minn Kellogg's b'rekord ta' parteċipanti



**Dalwaqt jiftħu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet tal-aħħar trimestru ta' KMS Skolasport**

L-EDIZZJONI TA' KMS SKOLASPORT, din is-sena, kisbet rekord ġdid ta' parteċipazzjoni b'iktar minn 4,200 student jirreġistraw f'waħda mill-ħafna dixxiplini sportivi offruti permezz ta' dan il-programm sponsorjat minn Kellogg's. In-numru ta' adulti li qed jipparteċipaw f'dan il-programm żdied b'iktar minn 790 persuna. Dawn l-adulti, fosthom ġenituri, qed jieħdu sehem f'diversi dixxiplini sportivi jew jattendu sessjonijiet tal-*fitness*.

Robert Portelli, il-Kap tal-Programm ta' KMS Skolasport, qal: "Minbarra s-Sibt, ħafna programmi jsiru fost il-ġimgħa biex nakkomodaw numru ikbar ta' parteċipanti interessati li jitgħallmu ħiliet ġodda fl-isports. L-età u l-abbiltà mhumiex problema għaliex il-programm ta' KMS Skolasport hu maħsub biex jagħti lil kull parteċipant individwali l-opportunità li jkun fiżikament attiv u fl-istess waqt jagħmel ħbieb ġodda u jieħdu pjaċir."

KMS Skolasport, programm organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport, ikopri l-iżvilupp tal-moviment u eżerċizzju fiżiku fejn l-għan ewlieni hu li l-parteċipanti żgħar jitgħallmu l-ħiliet bażiċi tal-moviment, jieħdu pjaċir ikunu attivi, u jiżviluppaw l-għarfien biex jifhmu l-kapaċitajiet fiżiċi tagħhom. Il-programm ta' KMS Skolasport għall-Adulti huwa disinjat biex jinkuraġġixxi lill-ġenituri u individwi jagħmlu eżerċizzju fiżiku tal-inqas darba fil-ġimgħa. Il-programm kemm tal-adulti kif ukoll tat-tfal huwa flessibbli biżżejjed biex ikopri l-ħiliet kollha, kemm għal dawk li għadhom jibdew sa l-iktar sportivi veterani.

Kellogg's, l-ikbar produttur taċ-ċereali tal-kolazzjoni fid-dinja, ilha tisponsorja l-programm KMS Skolasport għal dawn l-aħħar 14-il sena bħala parti mill-impenn










tagħha li nutrizzjoni tajba flimkien ma' eżerċizzju fiżiku jwasslu għal stil ta' ħajja li hi tajba għas-saħħa.

"Kellogg's temmen bis-sħiħ li stil ta' ħajja tajba għas-saħħa għandha titrawwem sa minn età żgħira. Permezz tal-isponsorship tagħha, Kellogg's tfittex li żżid il-livelli ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet fiżiċi u sportivi fost is-soċjetà Maltija. Minbarra l-benefiċċji immedjati, hemm evidenza li turi li tfal attivi għandhom ċans ikbar li meta jikbru jsiru adulti attivi," qal kelliem għall-Kellogg's.

KMS Skolasport toffri diversi programmi f'għadd ta' lokalitajiet differenti, fosthom il-Kumplessi Sportivi li jinsabu fil-Kottonera, il-Marsa, Ħal Kirkop u Tal-Qroqq. Barra minn hekk il-kulleġġi tal-gvern qed ikunu wkoll involuti biex il-programm jilħaq udejnzi ikbar. Fost dawn il-kulleġġi wieħed isib l-Iskola Sekondarja tas-Subien Santa Margerita, f'Bormla, l-Iskola Sekondarja tas-Subien f'Tal-Ħandaq, l-Iskola Sekondarja tal-Bniet Santa Klara, f'Pembroke, l-Iskola Sekondarja tas-Subien Maria Regina, fil-Mosta, l-Iskola Sekondarja tal-Bniet Maria Assunta, fil-Ħamrun, u l-Iskola Sekondarja tal-Bniet Santa Tereża, fl-Imrieħel.

Peress li l-bidu tal-aħħar trimestru qed joqrob, KMS Skolasport ser tiftaħ l-applikazzjonijiet għall-aħħar postijiet disponibbli fil-korsijiet li jsiru mill-24 ta' April sat-30 ta' Mejju, 2014. Ir-rati tal-applikazzjoni jinħadmu *pro-rata* skond is-semestru. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Għal iktar tagħrif dwar l-applikazzjonijiet jew id-dixxiplini sportivi pprattikati fil-KMS Skolasport, wieħed jista' jikkuntattja lis-Sezzjoni tal-Programmi fl-uffiċċju ewlieni tal-Kunsill Malti għall-iSport fuq tel. 21660658/9, jew bl-imejl: programmes@sportmalta.org.mt, inkella jżur il-websajt: www.sportmalta.org.mt.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt




# KMS Skolasport

## sponsorjata minn Kellogg's tħarreġ tfal promettenti fil-ġinnastika

**IL-ĠINNASTIKA HU SPORT** divertenti, bla periklu u mimli sfidi li joffri opportunitajiet ta' moviment u koordinazzjoni għal tfal żgħar biex jiżviluppaw il-ħiliet fiżiċi, soċjali u emozzjonali tagħhom. Fil-Kumpless Sportiv tal-KMS, f'Ħal Kirkop, l-għalliema tal-ġinnastika jħarrġu lill-parteċipanti f'eżerċizzji li jiżviluppaw il-flessibilità muskolari, is-saħħa u l-istamina. B'hekk it-tfal isiru aktar konxji tal-qagħda fiżika u l-movimenti kkoordinati tagħhom. Il-programm sponsorjat minn Kellogg's huwa ddisinjat biex jgħin lill-parteċipanti jiżviluppaw minn età żgħira l-ħiliet neċessarji biex aktar 'il quddiem jikkompetu f'livelli ogħla.

Robert Portelli, il-Kap tal-Programm ta' KMS Skolasport, qal: "Il-ġinnastika hi meqjusa minn ħafna bħala l-bażi ta' ħafna dixxiplini sportivi. Dan għaliex tgħin lit-tfal jiżviluppaw l-aġilità, il-bilanċ u l-koordinazzjoni meħtieġa f'kull tip ta' sports ieħor, u anki għall-ħajja ta' kuljum. Huwa ta' inkuraġġiment kbir li tara studenti li bdew il-ġinnastika permezz tal-programm tagħna jibqgħu javvanzaw għal-livell nazzjonali."

Is-sessjonijiet tal-ġinnastika offruti mill-Kunsill Malti għall-iSport bħala parti mill-programm ta' Skolasport, isiru kuljum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa wara nofsinhar fil-Kumpless Sportiv tal-KMS f'Ħal Kirkop. Taħt is-superviżjoni tal-kowċis, is-sessjonijiet ta' 75 minuta jkunu mqassma f'taħriġ differenti li jinkludi eżerċizzji fuq il-*beam*, *vault*, u *trampoline*. B'hekk kull parteċipant jiżviluppa l-kapaċità tiegħu skond kemm ikun jista'.

Kellogg's, l-ikbar produttur taċ-ċereali tal-kolazzjoni fid-dinja, ilha tisponsorja l-programm KMS Skolasport għal dan l-aħħar 14-il sena bħala parti mill-impenn tagħha li nutrizzjoni tajba flimkien ma' eżerċizzju fiżiku jwasslu għal stil ta' ħajja li hi tajba għas-saħħa.

Minbarra f'Ħal Kirkop, il-ġinnastika qed tkun mgħallma f'lokalitajiet oħra tal-KMS Skolasport inkluż kull nhar ta' Ġimgħa fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, kull nhar ta' Sibt fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet Santa Klara, f'Pembroke u fil-Kumpless Sportiv f'Tal-Qroqq, u minn nhar ta' Tnejn sas-Sibt fl-Iskola Sekondarja tas-Subien Marija Reġina, fil-Mosta.

KMS Skolasport għadha qed tilqa' l-applikazzjonijiet għall-korsijiet li għadhom disponibbli u li jibqgħu sejrin sat-30 ta' Mejju 2014. Ir-rati tal-applikazzjoni jinħadmu *pro-rata* skont is-semestru. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Għal iktar tagħrif dwar il-klassijiet tal-ġinnastika jew id-dixxiplini sportivi l-oħra pprattikati fil-KMS Skolasport, wieħed jista' jikkuntattja lis-Sezzjoni tal-Programmi fl-uffiċċju ewlieni tal-Kunsill Malti għall-iSport fuq tel. 2203 6000, jew bl-imejl: programmes@sportmalta.org.mt, inkella jżur il-websajt: www.sportmalta.org.mt.

**Ritratt: Il-parteċipanti żgħar qed ikunu megħjuna mill-kowċ Alison Schembri matul sessjoni tal-ġinnastika fil-Kumpless Sportiv tal-KMS f'Ħal Kirkop.**

*Tmiem*




# il-karozza tal-ħolm tiegħek b'rata inkredibbli

Qed toħlom li tixtri dik il-karozza li dejjem xtaqt? Issa huwa l-mument perfett biex tikseb il-ħolma tiegħek – aħna niggarantulek l-aħjar pakkett finanzjarju. Kellimna llum.

**BOV PERSONAL LOANS**
**2131 2020 | bov.com**
**Ibgħat sms vojt fuq 7969 6975 (tariffi normali japplikaw)**

BOV
Bank of Valletta

Offerta valida sat-30 ta' Ġunju 2014. Eżempju rappreżentattiv ta' self ta' €12,000 għal xiri ta' karozza / mutur għal użu personali, mogħti minn Bank of Valletta p.l.c. bir-rata varjabbli ta' interessi ta' 4.99% fis-sena (marġini ta' interess ta' 2.54% fuq il-CLBBR ta' 2.45%). L-APR tammonta għal 5.178% fis-sena. Is-self jitħallas f'erbgħa u tmenin rata mensili ugwali ta' Eur169.94 fuq perjodu ta' seba' snin. Is-somma totali pagabbli fuq dan il-perjodu, kemm-il darba r-rata varjabbli ta' interessi ma tinbidilx, tkun ta' €14,274.96 li minnha €12,000 huma kapital u €2,274.96 interessi. Ma hemm l-ebda spejjeż applikabbli fuq dan is-self. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130 - Malta

Inklużjoni Soċjali bl-Isport

# Promozzjoni tal-isport tal-għads għal persuni b'diżabbiltà

Malta-EU Steering & Action Committee

**L-UNJONI EWROPEA** (UE) temmen li l-isport huwa vitali biex tinkiseb l-inklużjoni soċjali. Minbarra li jservi ta' benefiċċju għas-saħħa fiżika u mentali tal-parteċipanti, l-isport jipprovdi opportunitajiet għal komunitajiet marġinalizzati u persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni biex jintegraw ruħhom fis-soċjetà. L-UE temmen ukoll li l-isport joffri l-opportunità lil persuni b'diżabbiltà li jesponu t-talenti tagħhom u jiġġieldu l-perċezzjoni sterjotipata fil-konfront tagħhom.

F'dan l-isfond u bl-assistenza tal-MEUSAC, is-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-Emergency Response and Rescue Corps (ERRC) kisbet fondi tal-UE biex twettaq proġett li permezz tiegħu persuni b'diżabbiltà jew anqas privileġġati ħadu sehem f'attività sportiva. Permezz ta' dan il-proġett taħt l-Azzjoni Youth for Europe tal-programm ta' finanzjament tal-UE Youth in Action, l-ERRC ippromwovew il-ħajja b'saħħitha, l-edukazzjoni permezz tal-isport, il-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, u l-inklużjoni soċjali.

Għal dan il-proġett imsejjaħ Calm Waters, l-ERRC għażlet l-isport tal-għads, li f'Malta huwa sport popolari kemm mal-Maltin u kif ukoll mat-turisti li jżuru l-Gżejjer tagħna, anki speċifikament biex jipprattikaw din id-dixxiplina sportiva.

L-idea li persuni b'diżabbiltà ma jistgħux jipprattikaw dan l-isport hija żbaljata. Fil-verità persuni b'diżabbiltà mentali, persuni li jbatu minn paraliżi jew persuni bil-kundizzjoni tad-down syndrome jistgħu jgħodsu daqs ħaddieħor sa ċertu livelli. Barra minn hekk, huwa fatt ippruvat li l-għads iżid l-abbiltà tal-moviment ta' dawn il-persuni u għandu effett terapewtiku fuq ċertu kundizzjonijiet.



Permezz tal-proġett, l-ERRC ħadmet biex toħloq kuxjenza dwar l-abbiltà ta' ċertu kategoriji ta' nies f'numru ta' dixxiplini sportivi u dwar kif, minkejja d-diżabbiltà, dawn il-persuni jistgħu jkunu attivi f'diversi oqsma. Min-naħa tagħhom, il-parteċipanti fl-inizjattiva kisbu aktar kunfidenza fihom infushom sabiex jiffaċċjaw l-isfidi li toffrilhom il-ħajja.

Il-proġett kollu kien jikkonċentra fuq l-edukazzjoni permezz tal-isport u l-koeżjoni







soċjali. Biex jintlaħaq dan l-għan, persuni b'diżabbiltà u b'anqas opportunitajiet ġew involuti kemm fl-ippjanar u kif ukoll fit-twettiq tal-proġett, u b'hekk il-parteċipanti ma kinux sempliċiment benefiċjarji li daħlu fil-proġett fl-aħħar fażi tiegħu.

Calm Waters irrifletta wkoll il-valuri Ewropej tas-solidarjetà u t-tolleranza fost iż-żgħażagħ, filwaqt li ppromwova l-integrazzjoni ta' żgħażagħ ġejjin minn kulturi soċjali differenti minn xulxin.

Il-proġett tal-ERRC ma nvolviex biss lill-parteċipanti u lill-membri tal-organizzazzjoni. Minflok, l-ERRC raw li fl-inizjattiva sportiva u edukattiva tagħhom jinvolvu wkoll żgħażagħ u adulti oħra li xtaqu jgħinu fil-proġett. Fost dawn kien hemm żgħażagħ voluntiera f'diversi ċentri tar-Respite f'Malta u f'Għawdex.

Fost l-attivitajiet fi ħdan il-proġett kien hemm parteċipazzjoni f'attività ta' volontarjat biex tiġi promossa ċ-ċittadinanza attiva, eżerċizzji tal-għawm, eżerċizzji ta' team building, sessjoni dwar ikel tajjeb għas-saħħa u t-tisjir, sessjonijiet ta' taħriġ barra mill-ilma, għads fil-pixxina bħala preparazzjoni għall-attività prinċipali, u għads fil-baħar.

Permezz ta' Calm Waters, l-ERRC għenu biex il-parteċipanti jitgħallmu jgħodsu u jesprimu ruħhom permezz tal-fotografija ta' taħt il-baħar. Il-parteċipanti tgħallmu wkoll kif ikunu dive-partners għal persuni b'diżabbiltà, u l-prinċipji bażiċi tal-ewwel għajnuna.

Fl-aħħarnett, dawk kollha involuti fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett ġew esposti għal temi ta' relevanza kbira għall-persuni b'diżabbiltà rigward il-parteċipazzjoni tagħhom f'dixxiplini sportivi differenti u attivitajiet oħra ta' kuljum, u għat-tagħlim tal-lingwa tas-sinjali.

Il-ħidma tal-ERRC b'risq l-integrazzjoni soċjali ma waqfitx mat-tmiem tal-proġett, u wara Calm Waters membri tal-organizzazzjoni żaru għaqdiet taż-żgħażagħ bħall-iscouts u ċentri taż-żgħażagħ, fejn komplew jippromwovu l-integrazzjoni soċjali u l-kunċett li persuni b'diżabbiltà jistgħu jipparteċipaw fl-isport u jkunu parti integrali minn soċjetà attiva.

Il-programm ta' finanzjament Youth in Action issa ġie assorbit mill programm ġdid Erasmus+, u min irid aktar informazzjoni dwar l-opportunitajiet li joffri dan il-programm ta' fondi jista' jikkuntattja lill-MEUSAC fuq funding.meusac@gov.mt jew 2200 3300.

**Ir-ritratti juru l-parteċipazzjoni ta' nies b'diżabbiltà fl-għads.**

minn Joe Bajada

# Inawgurat Ground ieħor tal-football fiż-Żebbuġ



It-tberik tal-lapida mill-Arċipriet ta' Żebbuġ, Dun Ruben Micallef

**NHAR IL-ĠIMGĦA, 31 TA' JANNAR**, 2014, kien inawgurat ground ieħor ġdid tal-football b'turf sintetiku fejn wara dak ta' ftit jiem qabel f'San Lawrenz, kien inawgurat anke dak taż-Żebbuġ, Għawdex. Dan kien ukoll wieħed mill-ħafna proġetti ta' pitches f'diversi grounds u li jifformaw parti minn programm ta' fondi b'valur ta' nofs miljun ewro li l-Gvern qed jinvesti fl-isport f'Għawdex. Dan kollu sar wara diversi taħditiet li kienu saru mill-GFA mal-MFA biex kull club affiljat mal-istess GFA jkollu l-faċilitajiet fejn jitħarreġ miksija bit-turf. Fil-każ taż-Żebbuġ, tajjeb li wkoll insemmu li l-Kunsill Lokali tal-istess lokalità ta s-sehem tiegħu biex dan il-proġett seta' jseħħ. Dan il-ground ġie inawgurat mis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Stefan Buontempo u mill-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo.

B'hekk wara 39 sena mit-twaqqif tat-tim tal-football f'din il-lokalità taż-Żebbuġ, issa l-ħolma tagħhom li huma wkoll ikollhom pitch modern fejn jitħarrġu issa seħħet. Fil-fatt, iż-Żebbuġ Rovers F.C. kienu ġew imwaqqfa fl-1975 meta sentejn qabel uħud miż-żagħżagħ taż-Żebbuġ bdew jitħalltu mal-istess Novizzi tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li kienu dilettanti tal-ballun. Fil-fatt huma flimkien bdew jilagħbu l-football fil-bitħa tal-iskola, l-istess post fejn sar dan il-pitch b'turf sintetiku. Minbarra Żebbuġ Rovers F.C., peress li l-pitch jinsab fil-bitħa tal-iskola Primarja, Mons Giovanni Andrea Vella, dan l-istess pitch ser jintuża wkoll mit-tfal li jattendu l-istess skola.

Fiċ-ċerimonja tal-okkażjoni saret wirja ta' ġinnastika minn xi studenti tal-istess skola, filwaqt li saru diversi diskorsi fosthom minn Christian Cassar, Uffiċċal tal-club Żebbuġ Rovers F.C., Saviour Grech, il-Kap tal-iskola, s-Sindku Nikky Saliba, Alvin Grech, President Gozo F.A. u l-Perit Ludovico Micallef, Viċi President Anzjan tal-Malta F.A.

Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, fil-messaġġ tiegħu qal li dan il-ground li ġie inawgurat fiż-Żebbuġ, huwa xhieda tal-impenn tal-Gvern fil-qasam sportiv Għawdxi. Huwa qal li dan il-Gvern huwa kommess li l-isport f'Għawdex ikun ta' livell ogħla ħalli anke l-atleti Għawdxin ikollhom opportunitajiet tajbin fejn ikunu jistgħu jikkompetu. B'dan il-programm ta' fondi lill-Gozo Football Association, il-Gvern qed jinvesti fis-soċjetà permezz tal-isport, biex pajjiżna jkollu soċjetà iktar b'saħħitha. B'hekk jibbenefika kulħadd, minn tfal sa anzjani. Huwa qal li b'hekk tkompli tidħol iktar fis-soċjetà tagħna l-kultura sportiva biex apparti li nkunu iktar attivi, insiru iktar fiżikament u mentalment b'saħħitna. Huwa semma' kif qed isir sforz biex jinstabu iktar spazji miftuħa biex ikunu attrezzati mill-aħjar biex mhux biss iservu ta' post ta' mistrieħ, iżda wkoll fl-istess waqt tkun tista' tiġi pprattikata l-attività fiżika u sportiva.

Huma ħeġġew lit-tfal tal-iskola, li kienu preżenti flimkien mas-surmast

u l-għalliema tagħhom, biex jibżgħu għal dan il-progett. Dr. Stefan Buontempo temm jgħid li dawn l-investimenti fl-isport qed isiru għall-ġid ta' kulħadd, filwaqt li awgura wkoll li dan il-pitch jitgawda mill-komunità kollha, huwa appella lil kulħadd biex jibża' għal dan il-proġett.

Il-Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo filwaqt li rringrazzja lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-iSports, għall-ħidma tiegħu lejn l-isports Għawdxi, qal ukoll li kif kien irrimarkat qabel meta 25 sena ilu huwa kien imexxi lil Gozo Football Association, qatt ma kien joħlom li l-ground prinċipali ta' Għawdex, dak iż-żmien imsejjaħ Silver Jubilee Ground, xi darba għad isir bit-turf.

Iżda ż-żminijiet jinbidlu u llum il-ġurnata hemm tant grounds imferrxa mal-gżira Għawdxija miksija bit-turf. Dr. Refalo żied jgħid li bħalissa għaddejjin xogħlijiet oħra biex jitlestew il-grounds ta' Għajnsielem, Qala u Għarb. Dan il-progress li qed isir huwa b'enfasi mportanti li min ikun qed imexxi juri impenn qawwi għal titjib għall-aħjar tal-ħajja ta' ħaddieħor. Huwa qal li dan juri l-impenn serju min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex li dak li jiġi mwiegħed, jiġi mwettaq.

Fir-rigward tal-proġett fiż-Żebbuġ, il-Ministru għal Għawdex qal li dan huwa xhieda ta' sinerġija waħda fejn b'mod ħolisitiku seta' jkun realizzat. Huwa semma' wkoll bi pjani ta' proġetti oħra sportivi li għandu l-istess Ministeru għal Għawdex fejn iktar dixxiplini sportivi jkunu jistgħu jipprattikaw l-isport favorit tagħhom. Fost dawn huwa semma' l-korsa taż-Żwiemel f'Ta' Xħajma u l-Pixxina fir-Rabat fejn f'dan ir-rigward qed isir studju serju dwar il-vijabbiltà tagħhom biex b'hekk f'Għawdex ikollna iktar niċeċ li jiġbdu t-turiżmu sportiv lejn il-gżira Għawdxija. Finalment Dr Anton Refalo radd ħajr lil kulħadd għall-koperazzjoni tiegħu.



Dr Buontempu u Dr Refalo jikxfu l-lapida tal-ground ta' Żebbuġ

Wara li sar il-kxif tal-lapida mill-Ministru Dr. Refalo u s-Segretarju Parlamentari Dr Buontempo, l-ground ġie mbierek mill-Arċipriet tal-Parroċċa taż-Żebbuġ, Dun Ruben Micallef.

Wara, Dr Stefan Buontempo ta speċi ta' kick-off u magħha t-tfal kollha nfexxew f'delirju ta' ferħ jiġru mal-pitch kollu b'espressjoni qawwija ta' sodisfazzjon u ferħ għal dan il-proġett, ħolma li issa saret realtà għal din il-lokalità pittoreska fl-ogħla raħal fit-tramuntana tal-gżira Għawdxija.

Il-grupp tat-tfal tal-iskola flimkien ma' għalliema u uffiċjali wara l-ftuħ uffiċjali tal-ground ta' Żebbuġ



minn Willie Vassallo




AtoZ Elettronics Athleta v Remax Citadel Siġġiewi

# Jintemm il-logħob tal-gruppi tal-Kampjonati

**MATUL IX-XAHAR TA' MARZU**, intemm il-logħob tal-gruppi tal-Kampjonati tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel u dak tan-Nisa biex issa l-attenzjoni ddur fuq il-Play-Offs.

L-Ewwel Diviżjoni Irġiel: Pavi Depiro, issa jilagħbu kontra Bupa Luxol u Remax Citadel Siggiewi jiffaċċjaw lil AtoZ Electronics Athleta, fis-semi finali, l-aħjar minn tliet partiti.

Kampjonat Nisa: Honey Athleta jerġgħu jilagħbu kontra Hibernians filwaqt li Caffe Moak Luxol jiltaqgħu kontra Pavi Depiro.

Il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni tal-Irġiel intrebaħ minn St. Nicholas Suns għall-ewwel darba. Il-Kampjonat kien milgħub fuq tliet rounds, mingħajr Play-Offs. Suns spiċċaw punt vantaġġ fuq Hibernians u b'hekk ħadu żewġ unuri meta kienu rebħu l-MBA Shield aktar qabel matul l-istaġun.

**Fit-Tazza Louis Borg saru ż-żewġ finali**

Fil-kategorija tal-Irġiel kienu Bupa Luxol u AtoZ Electronics Athleta li għaddew għall-finali. Fl-ewwel logħba Athleta ħadu vantaġġ tajjeb iżda rimonta soda fit-tieni partita tat it-Tazza lil Luxol li kien it-tielet suċċess tagħhom f'din il kompetizzjoni.

Fis-sezzjoni tan-Nisa, Pavi Depiro u Caffe Moak Luxol waslu sal-finali. Depiro ħadu vantaġġ qawwi fl-ewwel partita, biex, għalkemm Luxol rebħu t-tieni finali, ma kienx biżżejjed biex Depiro żammew l-unur li rebħu l-istaġun li għadda u kienet il-ħames darba li rebħu din it-Tazza.

## Kampjonat Nazzjonali BOV 1 Div. Irġiel

**Remax Citadel Siggiewi........82**
**AtoZ Electronics Athleta.......68**
(29-16, 17-9, 12-28, 24-15)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, S. Micallef

**Starlites Naxxar....................63**
**Pavi Depiro ..........................86**
(18-27, 10-9, 16-24, 19-26)
Referis: E. Mangani, S. Micallef, T. Helenius

**Floriana Royce.....................82**
**Bupa Luxol ...........................81**
(12-12, 23-29, 27-15. 20-25)
Referis: E. Mangani, S. Micallef, T. Helenius

**Pavi Depiro ..........................94**
**Floriana Royce ....................76**
(23-19, 21-16, 21-23, 29-18)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, S. Micallef

**Bupa Luxol...........................82**
**Remax Citadel Siggiewi........78**
(19-28, 17-21, 24-13, 22-16)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**AtoZ Electronics Athleta.......86**
**Starlites Naxxar ................. 59**
(20-19, 19-15, 24-12, 23-13)
Referis: E. Mangani, T. Helenius

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Pavi Depiro | 10 | 8 | 2 | 778 | 681 | 18 |
| AtoZ Elec. Ath. | 10 | 7 | 3 | 763 | 693 | 17 |
| Remax Cit. Siġġiewi | 10 | 7 | 3 | 697 | 633 | 16 |
| Bupa Luxol | 10 | 5 | 5 | 740 | 744 | 15 |
| Floriana Royce | 10 | 3 | 7 | 703 | 763 | 13 |
| Starlites Naxxar | 10 | 1 | 9 | 555 | 786 | 11 |

## Tazza Louis Borg Irġiel Finali 1

**AtoZ Electronics Athleta......91**
**Bupa Luxol...........................78**
(25-28, 15-13, 21-22, 30-15)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, T. Helenius

## Finali 2

**Bupa Luxol .........................89**
**AtoZ Electronics Athleta......72**

Agg: 167 - 163
(27-22, 9-17, 26-8, 27-25)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile

**Louis Borg Cup Irġiel - Rebbieħa**

2000 Pembroke Repsol
2001 Hamrun L. Jaxa
2002 Hamrun L. Jaxa
2003 Fiat Luxol
2004 Siggiewi Smina
2005 Pembroke Athleta
2006 Pembroke
2007 Dakar Sliema
2008 Bupa Luxol
2009 Compleet IS SW
2010 Siggiewi Kent Boringer
2011 Siggiewi Derby
2012 AtoZ Electronics Athleta
2013 Pavi Depiro
2014 Bupa Luxol

## Kampjonat BOV II Div. Irġiel

**Phoenix Bistro Loyola.........49**
**Mellieha Tritones ................59**
(8-16, 12-14, 13-21, 16-8)
Referis: C. Terribile, A. Carbonaro

**Miscela D'Oro Mtarfa .........74**
**St. Nicholas Suns.................71**
(14-13, 13-23, 29-21, 18-14)
Referis: E. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**Lightning Mondays .............30**
**Hibernians..........................89**
(0-21, 6-17, 8-32, 16-19)
Referis: J. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**St. Nicholas Suns.................49**
**Phoenix Bistro Loyola.........38**
(11-12, 15-7, 11-8, 12-11)
Referis: E. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**Mellieha Tritones ...............47**
**Hibernians.......................... 57**
(11-20, 13-8, 11-18, 12-11)
Referis: C. Terribile, S. Micallef

**Lightning Mondays .............21**
**Miscela D'Oro Mtarfa .........89**
(7-29, 4-21, 2-20, 8-19)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Phoenix Bistro Loyola .........67**
**Miscela D'Oro Mtarfa .........66**
(13-18, 19-14, 15-16, 20-18)
Referis: E. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**Hibernians...........................70**
**St. Nicholas Suns.................79**
(wara hin barrani)
(18-16, 9-14, 16-16, 16-13) – (11-20)
Referis: E. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**St. Nicholas Suns.................58**
**Mellieha Tritones ................41**
(22-6, 9-8, 15-14, 12-13)
Referis: E. Mangani, B. Sly

**Miscela D'Oro Mtarfa ........75**
**Hibernians .........................81**
(16-22, 14-15, 13-17, 32-27)
Referis: E. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Nicholas Suns | 15 | 12 | 3 | 1023 | 699 | 27 |
| Hibernians | 15 | 11 | 4 | 1129 | 854 | 26 |
| Phoenix Bis. Loy. | 15 | 9 | 6 | 950 | 732 | 24 |
| Mellieha Tritones | 15 | 7 | 8 | 904 | 727 | 22 |
| Miscela D'Oro Mtarfa | 15 | 6 | 9 | 958 | 867 | 1 |
| Lightning Mondays | 15 | 0 | 15 | 294 | 1386 | 15 |

*St Nicholas Suns champions*

## Kampjonat St. James Hospital – Nisa

**Pavi Depiro .........................30**
**Honey Athleta.......................38**
(11-10, 5-12, 7-10, 7-6)
Referees: E. Mangani, C. Terribile

**Starlites Naxxar....................69**
**Phoenix Petrus Loyola .........34**
(18-2, 15-7, 18-8, 18-17)
Referis: J. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**Hibernians...........................52**
**Caffe Moak Luxol................71**
(17-22, 13-18, 8-18, 14-13)
Referis: E. Mangani, T. Helenius

**Caffe Moak Luxol................78**
**Starlites Naxxar.....................44**
(14-13, 19-7, 18-13, 27-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Phoenix Petrus Loyola..........40**
**Pavi Depiro ..........................78**
(8-17, 5-22, 7-21, 20-18)
Referis: C. Terribile, Z. Dobrosavljevic

**Honey Athleta...................... 53**
**Hibernians............................41**
(11-9, 20-11, 14-5, 8-16)
Referis: E. Mangani, T. Helenius

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Honey Athleta | 10 | 9 | 1 | 545 | 390 | 19 |
| Caffe Moak Luxol | 10 | 8 | 2 | 717 | 455 | 18 |
| Pavi Depiro | 10 | 6 | 4 | 550 | 420 | 16 |
| Hibernians | 10 | 4 | 6 | 542 | 557 | 14 |
| Starlites Naxxar | 10 | 3 | 7 | 523 | 534 | 13 |
| Phoenix Petrus Pizza | 10 | 0 | 10 | 282 | 820 | 10 |

## Tazza Louis Borg Nisa Finali 1

**Caffe Moak Luxol ................52**
**Pavi Depiro .........................67**
(9-17, 18-8, 10-22, 15-20)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, T. Helenius

**Finali 2**

**Pavi Depiro .........................58**
**Caffe Moak Luxol ................62**
Agg: 125 - 114
(9-19, 12-14, 15-10, 22-19)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

## Tazza Louis Borg Cup Nisa - Rebbieħa

2001 Hibs Go Mobile
2002 Depiro Still
2003 Depiro Still
2004 Depiro Still
2005 Depiro Still
2006 Hibs Medsea
2007 Hibs Medsea
2008 Luxol
2009 Hibs Medsea
2010 Hibs Medsea
2011 Hibs Medsea
2012 Hibs Melita Gardens
2013 Pavi Depiro
2014 Pavi Depiro



Athleta v Luxol (Nisa)

### European Pool Championships - Malta 2014 - Timijiet Irġiel

# Malta megħluba fil-finali mill-Ingilterra

**FIL-KATEGORIJA TAL-IRĠIEL** tal-European Pool Championship li saru matul ix-xahar li għadda, f'pajjiżna stess, it-team nazzjonali Malti kellu l-isfortuna li jitlef il-final meta safa megħlub bl-iskor ta' 8-7 mill-Ingilterra wara li fis-semi-finali kien għeleb lill-Irlanda bl-iskor ta' 8-6. Dan minbarra li t-team Malti spiċċa fl-ewwel post fil-grupp rispettiv fil-Fażi tal-Gruppi meta rebaħ tmien logħba u tilef waħda.

L-aħjar player għat-team Maltin kien Christ Tabone li rebaħ 19-il logħba minn massimu ta' 24 biex b'hekk spiċċa wkoll bħala t-tieni l-aħjar player Ewropew wara Drew Hughes ta' Wales li rebaħ waħda biss aktar.

Żewġ players Maltin oħra li mpressjonaw kienu Clayton Attard, li rebaħ 18-il logħba minn massimu ta' 24 u Johan Attard li rebaħ 16 mill-istess total ta' logħob.

European Eight Ball Pool Championships Malta 2014

Ir-rebħiet tal-Maltin fil-Fażi tal-Gruppi waslu kontra l-Iskozja 9-6, Marokk 14-1, Irlanda 8-7, Franza 10-5, Ingilterra 8-7, Belġju 12-3 u Wales 10-5.

Fil-Kategorija B, Malta wkoll tilfet fil-finali meta sfat megħluba mill-Ingilterra bl-iskor ta' 8-7.

### European Pool Championships - Malta 2014 - Under 21 u 18

# Ryan Pisani l-aqwa player Ewropew ta' Taħt it-18-il sena

**FIL-KATEGORIJA TA' TAĦT IL-21 SENA** tal-European Pool Championship li sar, f'Malta, matul ix-xahar li għadda, it-team Malti wasal sal-finali, li iżda, safa megħlub mill-Ingilterra bl-iskor ta' 5-1 wara li fis-semi-finali għeleb lil dak tal-Irlanda ta' Fuq bl-iskor ta' 5-0.

Min-naħa tiegħu, it-team Malti ta' Taħt it-18-il sena, safa eliminat fis-semi-finali wara li kien megħlub mill-Ingilterra bl-iskor ta' 8-5.

L-aħjar player fit-team ta' Taħt il-21 sena kien Dylan Cassar li rebaħ 10 frames minn massimu ta' 15 u fil-fatt spiċċa fit-tielet post fil-lista Ewropea.

Ryan Pisani kompla bis-suċċessi tiegħu li kellu fl-istaġun preċedenti hekk kif din id-darba spiċċa bħala l-aqwa player Ewropew fil-kategorija ta' Taħt it-18-il sena meta rnexxielu jirbaħ 14-il logħba minn massimu ta' 15.

Is-Seniors tilfu 5-4 kontra l-Ingilterra fil-final. F'din il-kategorija ħadu sehem ħames pajjiżi. Alfred Attard kien l-aħjar player Malti u t-tieni l-aqwa player Ewropew meta rebaħ 17-il logħba minn total ta' 24.



Ryan Pisani - l-aqwa player Ewropew ta' Taħt it-18-il sena

## Kampjonati Individwali Ewropej

# Scott Muscat jitlef il-finali tal-kategorija ta' Taħt it-18-il sena

**IL-PLAYER ŻAGĦŻUGĦ MALTI**, Scott Muscat, irnexxielu jasal sal-Final tal-Kampjonati Ewropej fejn kien sfortunat li tilef bi skor ristrett ta' 7-6 kontra l-player żagħżugħ Irlandiż, Jamie Gaffney, fil-Kategorija ta' Taħt it-18-il sena. Dan huwa suċċess enormi kemm għalih personali kif ukoll għal Malta.

F'din il-Kategorija ħadu sehem 39 player minn diversi pajjiżi Ewropej. Fil-mixja sal-finali, Muscat għeleb lill-player Skoċċiż, Findlay Anderson, bl-iskor ta' 5-4, liċ-champion Ewropew Louis Heathcote 5-3, lil Thomas Morgan tal-Irlanda 6-4 fil-kwarti-finali, filwaqt li fis-semi-finali elimina lil Jordan Doyle ta' l-Irlanda 6-4 ukoll.

Fil-Kategorija tal-Irġiel, l-aħjar players Maltin, bla dubju, kienu Kevin Mercieca u Miguel Falzon li ġew eliminati fil-kwarti-finali minn total ta' 197 players minn madwar l-Ewropa. Kevin Mercieca tilef 7-3 kontra l-Ingliż Ben Flake filwaqt li Falzon tilef kontra Robert Bradey tal-Irlanda 7-4. Mercieca u Falzon rebħu €450 kull wieħed filwaqt li ż-żewġ players l-oħra Maltin li nqalgħu fir-round tal-Aħħar 16, li huma Ray Caruana u Johan Attard, rebħu €200 kull wieħed.

Fil-Kategorija ta' Taħt il-21 sena, Dylan Cassar wasal sal-kwarti-finali fejn tilef 5-3 kontra Ryan Shaw ta' Channel Islands biex spiċċa rebaħ €50.

Fis-Seniors, l-aħjar players Maltin li marru, kienu Tony Mifsud u Alfred Attard li rnexxielhom jaslu sal-kwarti-finali. Mifsud tilef kontra l-Ingliż Keith Brewer 5-2 filwaqt li Micallef tilef 5-0 ma' Frank Wright tal-Irlanda ta' Fuq. Mifsud u Attard ħadu €75 kull wieħed.


Scott Muscat - finalist fil-Kategorija ta' Taħt it-18-il sena

## It-Tielet Ranking Tournament tal-Malta Eight Ball Federation

**Rizultati tal-Finali:**

| | | |
|---|---|---|
| Irġiel: | Philip Ciantar v Mario Brincat | 10-8 |
| Under 23: | Owen Amato v Darren Schembri | 10-4 |
| Under 18: | Brian Cini v Miguel Amato | 8-2 |
| Ladies: | Roberta Cutajar v Vanessa Tedesco | 6-1 |
| Over 40: | Jesmond Schembri v Neville Cassar | 8-0 |


Philip Ciantar fl-azzjoni

# Phenix de la Roque jirbaħ il-finali tal-Assikura Gold Championship

**IL-FRANĊIŻ PHENIX DE LA ROQUE,** misjuq minn Charles Degiorgio, irnexxielu jirbaħ l-aqwa tiġrija kemm ilu fostna - il-finali tal-Assikura Gold Championship, meta ma bediex bħala favorit. Huwa fil-fatt beda l-ħames wieħed l-aktar biċ-ċans, iżda b'intelliġenza u esperjenza, is-sewwieq wasslu biex jirbaħ, saħansitra f'ħin qawwi ħafna ta' 1.15.1. It-tlieta l-oħra li spiċċaw wara r-rebbieħ, huma kollha Franċiżi wkoll, jiġifieri, Oeillet de Phens, Quintet u Prince Galliard. Dawn ukoll ma bdewx fost il-favoriti. Min-naħa tal-aktar waħda kkwotata, id-debba Olandiża Wies Buitenzorg, spiċċat biss fil-ħames post.

Għar-rebbieħ, Phenix de la Roque, din kienet it-tielet rebħa kemm ilu fostna, u l-aktar waħda mportanti għalih. Ta' min isemmi li t-tlieta li daħlu wara r-rebbieħ, kisbu kollha ħin simili, dak ta' 1.15.2.

Ir-riżultati kollha ta' matul ix-xahar ta' Marzu kienu:



Il-ġerrej Charles Degiorgio u ż-żiemel Phenix de la Roque, flimkien mas-sidien u partitarji wara s-suċċess tal-Assikura Gold C'ship (ara lemin)




### Il-Ħadd, 2 ta' Marzu, 2014

**Race 1 – (2640m) – Class Copper Autostart**
1. Lemon Solo (Etienne Farrugia) – Ħin: 1'19"0
2. Dreamed Victory (Charles Degiorgio)
3. Uranium des Arkads (Kurt Saliba)

**Race 2 – (2640m) – Class Copper Autostart**
1. Above Roland (George Attard) – Ħin: 1'18"5
2. Parce Que (Noel Baldacchino)
3. Pine Wood Harry (Clifferty Calleja)

**Race 3 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
1. Nox Blue (Rodney Gatt) – Ħin: 1'19"2
2. Adream Wish (Jesmar Gafa)
3. Icare de Jemma (Tony Demanuele)

**Race 4 – (1250m) – Class A Flat Race**
1. Safari Storm (Charles Vella) – Ħin: 1'14"02
2. Gold as Good (Demis Zammit)
3. Ollie Fliptrik (Michael Sultana)

**Race 5 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
1. Oscar de Meu (Francis Cassar) – Ħin: 1'18"5
2. Navaho Simoni (Charles Degiorgio)
3. Norfolk de Gouerie (Cliferty Calleja)

**Race 6 – (2640m) – Class Gold Autostart**
1. Qurieux de Ponchet (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"9
2. Prince Gallaird (Julian Farrugia)
3. Oeillet de Phens (Rodney Gatt)

**Race 7 – (2640m) – Class Premier Autostart**
1. Vejby Boom (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"1
2. Quiet Way (Shaun Portelli)
3. Midnight Passion (Eric Bezzina)

**Race 8 – (2640m) – Class Gold Autostart**
1. Wies Bultenzorg (Eric Bezzina) – Ħin: 1'15"7
2. Happiness Photo (Julian Farrugia)
3. Quid D'Aliermont (Charles Camilleri)

### Is-Sibt, 8 ta' Marzu, 2014

**Race 1 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
1. Seigneur de Dropt (Michael Sultana) – Ħin: 1'18"3
2. Emil Brebro (Brian Zammit)
3. Quipo de Tronquay (Raymond Micallef)

**Race 2 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Partner Blue (Christian Xerri) – Ħin: 1'16"4
2. Lucas Ness (Mario Farrugia)
3. Newman (Rodney Gatt)

**Race 3 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Ollico Pellois (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"0
2. Wonderofyou (Julian Farrugia)
3. Noli de Marray (Patrick Spiteri)

**Race 4 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Quioco Dey (Joseph Galea) – Ħin: 1'15"6
2. Razor Shadow (Nathaniel Barbara)
3. Bankir Zon (Clint Vassallo)

**Race 5 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Roma M. (Paul Galea) – Ħin: 1'16"8
2. Pittacos (Noel Baldacchino)
3. Pirate d'Urzy (Karl Debono)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Troy Boshoeve (Salvu Vella) – Ħin: 1'17"5
2. Noble D'Ete (Jeffrey Pace)
3. Orage du Pont (Charles Camilleri)

**Race 7 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Madam di Poggio (Julian Farrugia) – Ħin: 1'15"8
4. Nubi Lens (Clifferty Calleja)
5. Nitesco d'Antony (David Ellul)

**Race 8 – (2140m) – Class Silver Autostart**
2. Frisco Pe (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"2
6. Reveal Champ Blanc (Omar Cauchi)
7. Quick Et Rare (Jeffrey Pace)

### Il-Ħadd, 16 ta' Marzu, 2014

**Race 1 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Paolin De Bannes (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"1
2. Sir Malouin (Kurt Saliba)
3. Ringo Flower (Michael Ellul)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
1. Pema (Charles Farrugia) – Ħin: 1'17"4
2. Willesden Hanover (Wayne Farrugia)
3. Obscur de Busset (Shaun Portelli)

**Race 3 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
1. Take Out Blue (Paul Galea) – Ħin: 1'16"9

2. Quero des Erablais (Francis Cassar)
3. Kaki de Peyrahout (Charles Farrugia)

**Race 4 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Quid de la Motte (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'15"9
2. Zizazimoko (Tony Demanuele)
3. Quarborandum (Philip Calleja)

**Race 5 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Rocky de Jervi (Jeffrey Said) – Ħin: 1'16"1
2. Pepita Ans (Herman McKay)
3. Law Suit (Noel Baldacchino)

**Race 6 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Obelix Molgrad (Salvu Vella) – Ħin: 1'17"1
2. Quatre de Coeur (Rodney Gatt)
3. Udice Boko (Omar Cauchi)

**Race 7 – (2140m) – Assikura Gold C'ship Final**
1. Phenix de la Roque (Charles Degiorgio) – Ħin: 1'17"1
2. Oelliet de Phens (Rodney Gatt)
3. Quintet (Brian Zammit)

**Race 8 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Valles Emile (Mario Borg) – Ħin: 1'16"3
2. Que Je T'Aime Rush (Marco Refalo)
3. Mr Snowman (David Ellul)

**Race 9 – (2640m) – Class Premier Autostart**
1. Cloria Victis (Charles Degiorgio) – Ħin: 1'15"4
2. Petunia du Pont (Rodney Gatt)
3. Tap Dance (Michael Ellul)

**Race 10 – (2640m) – Class Gold Autostart**
1. Quiz de Lys (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"2
2. New Star DK (Noel Baldacchino)
3. Laval (Charles Camilleri)

**L-Erbgħa, 19 ta' Marzu, 2014**

**Race 1 – (3140m) – Class Copper Autostart**
1. Mystic River (Felix Casha) – Ħin: 1'20"4
2. Robin Lou (Claudio Refalo)
3. Pine Wood Harry (Clifferty Calleja)

**Race 2 – (3140m) – Class Copper Autostart**
1. Dreamed Victory (Charles Degiorgio) – Ħin: 1'19"3
2. Mirage d'Ete (Mark Mifsud)
3. Noble d'Urzy (Larson Mifsud)

**Race 3 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Grace Party (Michael Sultana) – Ħin: 1'19"6
2. Pacha de Sassy (Omar Cauchi)
3. Ouraki de Drochon (Dolan Casha)

**Race 4 – (1750m) – Class A Flat Race**
1. Pearl Storm (Michael Sultana) – Ħin: 1'47"62
2. Ollie Fliptrik (Eric Zammit)
3. Cheeky Jack (Charles Vella)

**Race 5 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Quipo du Tronquay (Noe Baldacchino) – Ħin: 1'19"3
2. Solo d'Occagnes (John Briffa)
3. Landi Breton (Mario Falzon)

**Race 6 – (3140m) – Class Gold Autostart**
1. Nevalo des Bordes (Claudio Refalo) – Ħin: 1'17"9
2. Blizzard AD (Francis Cassar)
3. Why Not As (Carl Caruana)

**Race 7 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Titus du Rib (Andrew Farrugia) – Ħin: 1'19"0
2. Querido Censerie (Charles Degiorgio)
3. Loustic d'Anjou (Julian Farrugia)

**Race 8 – (3140m) – Class Premier Autostart**
1. Oltedo de Rieux (Charles Camilleri) – Ħin: 1'15"6
2. Pat de Fontaine (Noel Baldacchino)
3. Over Oaks (Carl Caruana)

**Race 9 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Qumran de la Motte (Francis Cassar) – Ħin: 1'19"0
2. Paco (Christian Xerri)
3. Maleo As (Joe Muscat)

**Race 10 – (3140m) – Class Gold Autostart**
1. Reader Jyl (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"3
2. Presidential (Brian Hili)
3. Count of Life (Claudio Refalo)




# BOV it-Tazza l-Kbira 80 Sena ta' Storja

**IL-BANK OF VALLETTA** huwa l-isponsor ewlieni tal-aktar avveniment importanti fil-kalendarju tat-trott Malti – It-Tazza l-Kbira.

Din is-sena jimmarka it-80 anniversarju tat-Tazza l-Kbira, l-unur li kull sid u ġerrej jaspira li jniżżel ismu fuqu għax fiha jikkompetu l-aqwa żwiemel tal-pajjiż. Din is-sena hemm miktuba 61 żiemel u li ġew imqassma f'ħames tiġrijiet li minnhom l-ewwel sitta jikkwalifikaw għas-semi finali. Fost dawn il-61 żiemel hemm ħamest idwieb u nistgħu ngħidu li b'kollox hemm żwiemel li ġejjin minn tmien pajjiżi differenti – 33 Franċiżi, 17 Svediżi, 5 Ġermaniżi, 2 Taljani kif ukoll Belġjan, Olandiż, Amerikan u Daniż. Fl-edizzjoni ta' din is-sena se jiddebuttaw tmint iżwiemel ġodda. Insibu wkoll ir-rebbieħ tas-sena l-oħra, Nabab du Chatelet.

It-30 żiemel li jgħaddu għall-fażi tas-semi finali jerġgħu jkunu fl-azzjoni il-Ħadd, 16 ta' April, fejn jinqasmu fi tliet tiġrijiet u minnhom l-ewwel erbgħa jgħaddu għall-finali li ssir il-Ħadd, 27 ta' April.

Il-Malta Racing Club, bħal kull sena, għal dakinhar qed iħejji programm speċjali li joffri spettaklu għall-familja kollha.

Din mhix l-ewwel darba li l-Bank of Valletta qed jassoċja ruħu mat-tiġrijiet taż-żwiemel peress li fil-passat diġà kien sponsorja xi kampjonati oħra. Il-BOV dejjem kien ta' sostenn lill-eċċellenza fl-isport u għalhekk ma setax jonqos li jassoċja ruħu mal-aqwa tiġrija fil-kalendarju tal-Malta Racing Club. Meta wieħed iħares lejn il-kwalità ta' żwiemel miktuba, m'hemm l-ebda dubju li l-pubbliku se jikkonkorri bi ħġaru kemm dawk diġà dilettanti kif ukoll oħrajn li se jieħdu l-okkażjoni li jżuru l-korsa għall-ewwel darba.

minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1958-59

# Valletta jillidjaw il-klassifika

*Qed jiġu ppubblikati it-Tielet u r-Raba' Ġurnata tal-istaġun 1958-59 minħabba li bi żvista inqabżu ...*

### It-Tielet Ġurnata

**02-11-1958:**
**Sliema Wdrs FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: M. Walsh (S) 4' u S. Nicholl (S) 89'.**
**Referee: John Ellison**
**Att: 6,150**

*Sliema Wdrs FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Salvinu Schembri, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Alfred Parnis, Sammy Nicholl.

*Ħamrun Sp. FC:* Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Louis Bonello, Effie Borg, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Carmelo 'In-Nene' Grech, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Ġużi Falzon, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Ma sarx logħob tal-MFA s-Sibt l-1 ta' Novembru 1958 minħabba l-festa ta' Kristu Re.
2. Sliema Wanderers lagħbu t-tieni taqsima b'għaxar players wara li weġġagħlhom il-player Maurice Walsh u għalkemm dan baqa' fil-ground ftit li xejn daħal fl-azzjoni. Walsh kien qed jilgħab minflok Ġulinu Muscat.
3. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee tal-partita kien Mr. Fredrick Stanley.

**08-11-1958:**
**Hibernians FC – Rabat FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: L. Sultana (H) 32', J. Cini (H) 48' u L. Sultana (H) 89'.**
**Referee: Carmel Galea**
**[illegible] 1,647**

*Hibernians FC:* Nenu Bugeja, [illegible]one, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Joe Ebejer, Joe Cini, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Fredu Church.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, J[illegible]nie Calleja, Frank Camenzuli, Frank Montebello, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Ray Bencini, John Cutajar, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, John Sapiano, Victor Aquilina.

1. Din kienet l-unika partita fl-ogħla diviżjoni tal-Kampjonat Malti għall-Kurunell Raymond Bencini. Huwa kien it-tabib privat ta' wieħed mill-kapijiet Nażisti Rudolf Hess meta dan kien miżmum fil-ħabs ta' Spandau. Il Kurunell Bencini kien ukoll iben Effie Bencini player ta' Valletta Prestons fis-snin tletin u anke Kummissarju tal-Pulizija fis-snin sittin u sebgħin. Il-Kurunell Ray Bencini lagħab partita oħra ma' Rabat FC, sentejn wara, f'telfa ta' 7-0 kontra Vittoriosa Stars f'logħba mill-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni.
2. Rabat lagħbu mingħajr Louis Gauci li ġie sospiż sa tmiem l-istaġun u mingħajr Pawlu Said u Twanny Vassallo li kienu mweġġgħin.
3. Rabat FC ipprotestaw kontra r-riżultat tal-partita minħabba li sostnew li l-player Joe Cini ma kienx eliġibbli minħabba reġistrazzjoni ħażina. Fit-2 ta' Diċembru, 1958, il-Competitions Dispute Committee ddeċieda li r-riżultat tal-partita jibqa' jgħodd minħabba li Joe Cini kien ġie dikjarat Professional player mis-27 ta' Novembru 1958.

**09-11-1958:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: S. Rapinett (V) 80' u F. Zammit (V) 85'.**
**Referee: Salvu Pirotta**
**Att: 3,933**

*Valletta FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Silvio Rapinett, Josie Urpani, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, John Gatt, Louis Bugeja, George Dalli, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Theuma, Toni Caruana, Joe Pisani, Nenu Chircop.

1. Fost il-ġimgħa kien tħabbar li Birkirkara FC kienu rreġistraw magħhom lill-goalkeeper Joe La Rosa li kien diġà lagħab fl-ogħla diviżjoni ma' Ħamrun Spartans u Floriana FC.
2. Ir-referee Salvu Pirotta kien awtur ta' deċiżjoni stramba meta wara li waqqaf il-logħob għal foul ta' Chircop fuq Bone, fejn il-players anke ġew fl-idejn u ġew ammoniti, huwa kompla l-logħob bi drop ball. Ġranet wara iż-żewġ players kienu ġew iddixxiplinati mill-MFA għall-imġieba tagħhom f'din il-partita. Walter Bone kien ġie mmultat lira u nofs wara li mbotta b'saqajh u jdejh lill player Nenu Chircop filwaqt li Nenu Chircop kien ġie sospiż logħba u mmultat £1 wara li kien gidem lil Bone.

**15-11-1958:**
**Marsa FC – Floriana FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: L. Borg (F) 27' u F. Abela (M) 39' u 46'.**
**Referee: Charles Frendo.**
**Att: 3,193**

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Nenu Fabri, Ernie Glynn, Carmel 'Swany' Attard, Franz Borg, Neriku Buttigieg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Pawlu Attard, Freddie 'Steak' Abela, Freddie Cauchi, Martin Attard.

*Floriana FC:* Freddie 'Il Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Fred Barry, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Ma' Floriana rritorna Fred Barry li temm is-sospensjoni tiegħu. Fl-istaġun ta' qabel Barry kien lagħab ma' Hibernians.
2. Marsa, promossi mit-Tieni Diviżjoni, kisbu rebħa sorpriża iżda mistħoqqa biex telgħu fl-ewwel post tal-klassifika b'punti daqs Valletta FC.

*Klassifika:* (Rabat FC u Ħamrun Spartans FC għandhom partita inqas) - Marsa FC u Valletta FC 5 pti.; Sliema Wdrs FC 4 pti.; Floriana FC 3 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 2 pti., Ħamrun Sp. FC 1 pt., Rabat FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers:* F. Abela (Marsa FC) 4 goals; L. Sultana (Hibernians FC) u S. Rapinett u N. Mackay (Valletta FC) 2 goals.

### Ir-Raba' Ġurnata

**16-11-1958:**
**Birkirkara FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 34', T. Caruana (B) 39' u P. Said (R) 87'.**
**Referee: Joseph Borg.**
**Att: 1,686**

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Louis Bugeja, George Dalli, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Theuma, Toni Caruana, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Frank Camenzuli, Frank Montebello, Tony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

1. Fil 57 minuta l goalkeeper Lolly Rizzo salva penalty mogħti minn Pawlu Said.
2. Ma' Rabat FC iddebutta l-player Charlie Bennetti 'In-Najsu' li kienu rreġistrawh fost il-ġimgħa mingħand Floriana. Min-naħa tagħhom, Birkirkara kellhom nieqes lil Nenu Chircop li kien qed jiskonta sospensjoni ta' logħba wara l-inċident ma' Walter Bone fl-aħħar ħarġa kontra Valletta.
3. Il-partita ntlagħbet taħt xita kontinwa bil-ballun kontinwament jeħel fl-għadajjar tal-ilma.

**22-11-1958:**
**Floriana FC - Sliema Wdrs FC. 1-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: T. Sultana (F) 22'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Att: 8,219**

*Ir-riżultat ġie annullat wara li Sliema Wdrs. rebħu protest. Il-partita ser terġa' tintlagħab.*

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charles 'In-Nossa' Brincat, Pullu Mousu', Fred Barry, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Twanny Sultana, Tony ' Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu Demanuele.

*Sliema Wdrs FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Salvinu Schembri, Robbie Buttigieg, Joe 'Jockey' Xuereb, Alfred Parnis, Sammy Nicholl.

1. Twanny Sultana, li skorja l-goal tar-rebħa, kien mgħajjat mal-ewwel ħdax fl-aħħar ħin wara li s-centre-forward Billy Dalli l-Ħamis ta' qabel il-logħba waqa' u qasam irkopptu fejn kellhom isirulu sitt punti.

2. 'Jockey' Xuereb irritorna għal-logħob tal-kampjonat wara diversi xhur nieqes meta kien imsiefer fuq xogħol mal-kumpanija Cable & Wireless. Huwa kien lagħab l-aħħar fil-kampjonat fis-26 ta' Jannar 1957 fir-rebħa ta' 7-1 fuq Rabat FC.

3. Il-goal kien wasal minn incident sfortunat tal-goal-keeper Victor Scerri meta żelaq hekk kif kien ser jilqa' ix-xutt debboli ta' Sultana bil-ballun jgħaddi minn fuq rasu u jispiċċa fix-xibka.

4. Sliema Wdrs FC ipprotestaw kontra r-riżultat tal-partita wara li sostnew li l-players Twanny Sultana u Fred Barry ma kienux eliġibbli biex jilagħbu. Huma sostnew li Twanny Sultana kien irċieva xi flus mingħand l-ex club tiegħu Vittoriosa Stars meta kien amateur filwaqt li anke Fred Barry, minkejja li kien irreġistrat bħala amateur, huwa kien tilef dan l-istatus fl-istagun 1956-57 wara li kien irċieva xi pagamenti mingħand Hibernians FC.

Il-protest tas-Sliema kien akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' ex-membri tal-kumitat ta' Hibernians J.J. Pace u Jos. Galea, li ddikjaraw li huma kienu ħallsu £30 lill-missier Fred Barry sabiex il-player jiffirma ma' Hibernians għall-istaġun 1956-57. Fl-ewwel deċiżjoni li ħarġet fis-16 ta' Diċembru 1958 il-Competitions Disputes Committee ma kienx laqa' il-protest ta' Sliema minħabba li x-xhieda li nstemgħet ma kinetx soda biżżejjed.

Iżda l-Bord tal-Appell tal-MFA fil-15 ta' Jannar, 1959, kien dawwar din id-deċiżjoni fejn ordna li l-partita Floriana FC - Sliema Wdrs. FC terġa' tintlagħab filwaqt li l-player Fred Barry jiġi sospiż sa tmiem l-istaġun, liema sospensjoni twalet sal-14 ta' Ottubru, 1959, wara li player kien insulta lil Viċi President tal-MFA Dr. Maurice Decesare. Barry, sadanittant, kien baqa' jilgħab ma' Floriana sakemm ħarġet id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Twanny Sultana ma kienx instab ħati.

**23-11-1958:**
**Ħamrun Sp. FC - Marsa FC 2-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: F. Falzon (Ħ) 55', T. Cassar (Ħ) pen. 56' u F. Abela (M) 60'.**
**Referee: John Ellison.**
**Att: 6,676**

*Ħamrun Sp. FC:* Johnnie Chetcuti, Louis Bonello, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Freddie Falzon, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Ġużi Falzon, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Marsa FC:* Ġużi Alamango, Nenu Fabri, Ernie Glynn, Carmel 'Swany' Attard, Franz Borg, Neriku Buttigieg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Martin Attard, Fredu 'Steak' Abela, Fredu Cauchi, Pawlu Attard.

1. Marsa akkwistaw lill-ex-goalkeeper ta' Floriana Ġużi Alamango. Huwa kien għadu kemm ħa *free release* mingħand Kirkop United. Dan wara li l-goalkeeper regolari tagħhom Salvu Alamango, li kien brillanti fl-ewwel tliet logħbiet, weġġa' l-polz fl-aħħar ħarġa kontra Floriana u kien ser jibqa' barra għal diversi ġimgħat. Ġużi Alamango jiġi l-kuġin Salvu Alamango.

2. Ħamrun Spartans kienu qed jiskbu l-ewwel rebħa tal-kampjonat filwaqt li Marsa kienu qed isofru l-ewwel telfa.

3. Ħamrun Spartans niżlu għal-logħob mingħajr George Jones li avża lill-club li ma kienx ser jinżel iktar għal-logħob.

4. Pawlu Buttigieg tal-Ispartans kien ġie mċanfar u mmultat lira u nofs talli ħela l-ħin waqt din il-partita.

*Replay tal-partita tad-19 ta' Ottubru 1958 bejn Rabat FC u Ħamrun Spartans FC li kienet ġiet dikjarata nulla mill-Bord tal-Protesti tal-MFA wara protest imressaq minn Ħamrun Spartans.*

**26-11-1958:**
**Rabat FC - Ħamrun Sp. FC 3-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: T. Vassallo (R) 32', J. Azzopardi (R) 40', A. Calleja (H) 75' u C. Theuma (R) pen. 76'.**
**Referee: Carmel Galea**
**Att: 1,349**

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Frank Camenzuli, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frank Montebello, Charles Theuma, John Gregory, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Victor Aquilina.

*Ħamrun Sp. FC:* Johnnie Chetcuti, George Jones, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Freddie Falzon, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Ġużi Falzon, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Rabat FC ma setgħux jagħmlu użu mill-akkwist ġdid tagħhom Charlie Bennetti 'In-Najsu' minħabba li l-player ma kienx reġistrat ma' Rabat fid-data oriġinali tal-partita mirbuħa minn Rabat u li ngħata replay wara li Ħamrun Spartans rebħu protest.

**29-11-1958:**
**Valletta FC - Hibernians FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: W. Bone (V) 37'.**
**Referee: Carmel Galea**
**Att: 4,084**

*Valletta FC:* Johnnie Formosa, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Frankie Zammit, Josie Urpani, Michael Gialanze, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Silvio Rapinett.

*Hibernians FC:* Nenu Bugeja, Colin Tabone, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Joe Ebejer, Fredu Church, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Walter Bone skorja l-uniku goal tal-partita b'xutt fil-għoli min-nofs il-ground li l-goalkeeper Bugeja deher li salva iżda l-ballun ħarablu minn idejh u spiċċa fix-xibka.

2. Hibernians FC kienu qed jilagħbu mingħajr il-player Joe Cini li huma kienu ffirmaw bħala amateur fis-sajf. Wara protesti li kienu saru fiż-żewġ logħbiet ta' qabel kemm minn Floriana FC u anke minn Rabat FC, il-Kunsill tal-MFA kien iddeċieda li l-player Joe Cini kien irreġistrat bħala player professjonali ma' Floriana FC u għalhekk ma setax ikompli jilgħab ma' Hibernbians FC b'effett mis-27 ta' Novembru 1958. Hibernians appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem l-FA Ingliża u fil-fatt rebħu l-appell fl-10 ta' Frar, 1958.

3. Valletta kienu qed jilgħabu mingħajr Freddie Borg 'Il-Waniż' wara li dan iġġieled ma' player avversarju waqt partita għall-karità kontra t-team tas-Servizzi 10th LAA Battery. Huwa kien ġie mmultat u sospiż żewġ logħbiet.

4. Player ieħor li kien nieqes għal Valletta FC kien il-goalkeeper regolari Bertu Zarb Cousin li ma lagħabx minħabba li kien imsiefer għall-qamar il-għasel wara li żżewweġ lis-Sinjorina Yvonne Brown ġimgħa qabel. Il-goalkeeper reserve Johnnie Formosa lagħab minfloku. Valletta tlitt ijiem qabel din il-partita kienu akkwistaw lill-goalkeeper internazzjonali Irlandiż Tommy Taylor iżda kienu għadhom qed jistennew il-clearance tiegħu mingħand Waterford FC biex ikunu jistgħu jilagħbuh.

5. Ma' Hibernians iritorna l-player Ċikku Xuereb wara li kien falla l-ewwel tliet partiti tal-Kampjonat minħabba sospensjoni ta' tliet logħbiet li kien weħel wara li xejjer bil-ponn lill-player ta' Sliema Wanderers fis-semifinali tal-FA Trophy fil-5 ta' Mejju 1958.

*Klassifika*: (Sliema Wdrs FC u Floriana FC għandhom partita inqas) - Valletta FC 7 pti.; Marsa FC 5 pti.; Sliema Wdrs FC u Birkirkara FC 4 pti.; Floriana FC u Ħamrun Sp. FC 3 pti.; Rabat FC u Hibernians FC 2 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Abela (Marsa FC) 5 goals; F. Falzon (Ħamrun Sp. FC), L. Sultana (Hibernians FC), C. Theuma (Rabat FC) u S. Rapinett u N. Mackay (Valletta FC) 2 goals.

minn Joseph Serracino

# It-Tiġrija tal-Vitorja (2000-2013)




L-Għaxar Parti

Il-qaddiefa u ż-żewġ dgħajjes Maltin li ħadu sehem fit-tiġrija tat-Thames, fil-15 ta' Settembru 2012

**MA NISTENNA LIL ĦADD** ipinġini bħala bniedem pessimist għax jien m'iniex, iżda dawk kollha li bħali huma midħla tal-klabbs tar-Regatta, jafu li l-qagħda finazjarja ta' xi wħud minnhom hi mwiegħra ħafna, u d-diriġenti tagħhom isostnu li ma jistgħux jibqgħu jmexxu l-klabb jekk ma jiżdiedx is-sussidju min-naħa tal-gvern u jingħataw għajnuniet oħra mill-Kunsilli Lokali ta' kull lokalità. Hemm bżonn li jsir xi ħaġa immedjatament qabel ikun tard wisq!

Inkomplu! L-edizzjoni tar-Regatta 2011 kienet diskritta bħala taqtiegħa mill-aktar ħarxa bejn l-iktar żewġ distretti antiki u akkaniti tar-Regatta matul dawn l-aħħar 100 sena ta' tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir. Kien imbassar minn qabel ir-Regatta, li l-Isla u Bormla kienu tal-istess livell u għalhekk ix-Shield setgħet tmur fuq kull naħa. Iż-żewġ distretti kienu armati tajjeb, bit-tnejn qawwija f'xi opra jew l-oħra. Bħal dejjem, it-tielet distrett li seta' joħloq xi sorpriża fil-korsi tad-dgħajjes tal-Midalji u f'Ta' bl-Erbgħa kien dak tal-Marsa. Żewġ klabbs oħra bil-pika ma' xulxin kienu l-Birgu u l-Kalkara, fejn fl-aħħar edizzjonijiet kienu rivali ta' xulxin, f'kontestazzjoni ħarxa bejniethom fit-tentattiv tagħhom għar-rebħ tax-Shield ta' Kategorija' B', iżda għal dik is-sena, it-tnejn kienu se jipparteċipaw ukoll b'timijiet tajba Kategorija 'Open'. Semmejna Kategorija 'B ', silta meħuda minn rapport sportiv tgħidilna hekk: '*... jidher biċ-ċar li f'din il-kategorija l-aktar favoriti huma Bormla u l-Marsa, għalkemm l-Isla hi armata tajjeb ukoll...*'

Żewġ distretti li żammew profil baxx kienu Marsamxett u Birżebbuġa minħabba diversi problemi li ż-żewġ distretti kienu qegħdin jiffaċċjaw. Birżebbuġa sfortunatament kellhom serje ta' problemi li żammewhom milli jkunu kompetittivi, fosthom il-problema ta' maħżen fil-port fejn iqiegħdu d-dgħajjes, kif ukoll il-loġistika ta' fejn jaqdfu u jvaraw l-opri tat-tiġrija tagħhom.

F'silta meħuda minn rapport sportiv tkellimna dwar dawn il-problemi: '*... il-problema hi, illi f'xatt il-Belt qrib il-maħżen ta' Birżebbuġa qed isir xogħol ta' bini ta' terminal ġdid għall-vapuri, u minħabba hekk il-qaddiefa tagħhom ma setgħux jagħmlu t-taħriġ neċessarju, bil-konsegwenza li ma jipparteċipawx fit-tiġrijiet ta' Taħt it-18-il sena u mhumiex attrezzati sew għar-Regatta. Madankollu xorta waħda se jkunu fil-kanal, u wegħdu li fl-edizzjonijiet li ġejjin se jbiddlu r-rotta. Din se ssir wara li kumpanija ewlenija f'Birżebbuġa offriet lok fejn ikunu jistgħu jvaraw u jqiegħdu d-dgħajjes...*'

Marsamxett ngaġġaw magħhom xi qaddiefa ġodda biex ikomplu jsaħħu l-ekwipaġġi tiegħu. Skont Joseph Spiteri - il-President tal-klabb Belti: '*... din il-prattika għandha tagħtihom riżultati sodisfaċenti 'l quddiem...*'

Kull tiġrija għandha l-istorja tagħha! Minkejja li ħafna dilettanti stennew tiġrijiet mill-aktar eċċitanti bejn Bormla u l-Isla, għax fil-fehma ta' ħafna ż-żewġ distretti dehru ta' l-istess livell, ir-riżultat finali wera biċ-ċar li l-ekwipaġġi Sengleani kienu ferm superjuri għar-rivali tagħhom, fejn minn ħames paljijiet rebħu tlieta u daħlu fit-tieni post fit-tnejn l-oħra. Kif spiċċat it-tiġrija tal-Kajjikki l-Isla kienet qed tillidja b'20 punt fuq Bormla. Il-Bormliżi setgħu jirbħu x-Shield jekk huma jirbħu t-tiġrija u s-Sengleani ma jiksbux punt. Iżda s-superjorità tal-qaddiefa tal-Isla dehret fl-aqwa tagħha, meta b'qadfa ħafifa ssuperaw l-isfida qalila li offrulhom Bormla u l-Marsa tul il-korsa kollha u rebħu dan il-palju għar-raba' darba konsekuttiva.

L-edizzjoni tal-2012 kienet waħda akkanita, bid-distretti tal-Isla u Bormla f'konfront dirett bejniethom għar-rebħ tas Shield. Il Marsa kienet hemm ukoll, iżda għajnejn id-dilettanti kienu mitfugħin fuq l-aktar żewġ distretti rivali fil-Kottonera - Bormla u l-Isla. It-tbassir minn qabel ir-Regatta tad-dilettanti jikkonfermawh ir-riżultati miksubin miż-żewġ klabbs tul l-ewwel erba' tiġrijiet tar-Regatta, fejn id-distakk bejniethom qabel l-aħħar tiġrija kien biss ta' 2 punti. Kif jiġri dejjem, meta żewġ distretti jkunu daqshekk viċin xulxin bil-punti, il-partitarji tagħhom jibdew jikkalkulaw il-possibiltajiet li jkollhom iż-żewġ distretti għax-Shield. L-Isla setgħet tirbaħ ix-Shield jekk taqbeż is-sinjal qabel Bormla, waqt li d-distrett ċelesti seta' jirbaħ ix-Shield jekk ikun hu li jidħol qabel is-Sengleani. Finalment kienu l-qaddiefa tal-Isla li meritatament għelbu l-isfida ta' avversarji tagħhom Bormla u l-Marsa u l-palju ta' din it-tiġrija, u miegħu rebħu wkoll ix-Shield għat-23 darba fl-istorja tal-klabb tagħhom.

Interessanti huwa l-fatt, li kieku Bormla rebħet ix-Shield bil-palju tat-tieni post jew b'dak tat-tielet post (bl-Isla ma tirbaħx palju) din ir-rebħa kienet tista' titqies bħala waħda storika għax kienu jkunu l-ewwel distrett fl-istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja mill-1955 sal-2012 li rebaħ l-aqwa unur tar-Regatta mingħajr palju tal-ewwel. Ta' min jirrimarka wkoll li din is-sena, il-KMS organizzat tiġrija għall-qaddiefa ta' Taħt it-18-il sena biex tfakkar is-70 anniversarju mill għoti tal George Cross lil Malta.

F'wieħed mill-artikli dwar is-snin 2000-2013, jien aċċennajt, li fil-15 ta' Settembru, 2012, Malta kienet ħadet sehem fit-tiġrija annwali The Great River Race fit-Thames ta' Londra b'żewġ dgħajjes tal-Pass tat-tiġrija b 'ekwipaġġ Marsi f'tiġrija ta' korsa aktar minn 21 mil minn Greewich sa Ham 'il fuq minn Richmond Bridge. F'din it-tiġrija ipparteċipaw opri minn 300 pajjiż differenti minn madwar

id-dinja. Fil-Kategorija tal-opri tradizzjonali, b'erbat Imqadef, l-ekwipaġġ ried ikun ifformat minn erba' qaddiefa, tmunier u passiġġier. S'intendi kien hemm diversi Kategoriji oħra ta' opri tal-baħar! Iż-żewġ dgħajjes Beltin 'Casan' u 'Currie' kisbu riżultat tajjeb, fejn id-dgħajsa 'Casan' bin-numru 107 bil-qaddiefa Clifton Camilleri, Clive Casha, Dennis Thornton u Kurt Aqulina (Charles Ahar) daħlet fis-17-il post waqt li d-dgħajsa 'Currie', bl-ekwipaġġ ifformat minn David Brydon, ibnu Adrian u tliet Ingliżi, ġiet ikklassifikata aktar lura.

Peress li l-Great River Race fit-Thames li kienet saret għall-ewwel darba, fl-1988, hija tiġrija handicapped, kull opra tibda skont il-handicap tagħha, għalhekk, l-aktar opra tqila tibda l-ewwel. S'intendi opri l-kbar bħalma huma Dragon Boats bi 18-il qaddief jitilqu l-aħħar, iżda peress li dawn l-opri huma ħfief ħafna drabi jidħlu l-ewwel.

Qabel inkompli fuq edizzjoni 2013, nixtieq nikkummenta fil-qosor ħafna dwar il-parteċipazzjoni Maltija f'din it-tiġrija fit-Thames. L-idea li Malta tieħu sehem fil-Great River Race kienet tas-sinjura Sylvia Wicks li bdiet f'Jannar 2012, fejn f'email li hi bagħtet lis-sur Joseph Muscat – l-awtur tal-ktieb 'The Dgħajsa and Other Traditional Maltese Boats' talbitu biex tixtri kopja ta' dgħajsa biex il-bennejja Ingliżi jibnu waħda biex tieħu sehem fit-tiġrija tat-Thames. Hawnhekk Muscat ċempilli u staqsieni jekk jien nafx b'xi distrett li lest li jbiegħ xi dgħajsa tat-tiġrija jew b'xi mgħallem li lest li jibni waħda f'qasir żmien. Jiem wara jien u Ġużeppi avviċinajna bennej tad-dgħajjes, kellimnieh dwar dan il-proġett u tajnieh l-informazzjoni meħtieġa biex hu personalment ikun jista' jikkuntattja lis-Sinjura Wicks. L-inkarigu tiegħi waqaf hawn! Finalment ġejt mgħarraf li s-Sinjura Wicks bil-koperazzjoni tas-Sur Nick Cassar Torregiani xtrat żewġ dgħajjes mill-klabb ta' Marsamxett, u b'hekk qatgħet xewqitha li fit-tiġrija tat-Thames ikun hemm ukoll il-parteċipazzjoni ta' dgħajsa Maltija. Sfortunatament, fl-2013, Malta ma ħaditx sehem għax it-tiġrija nzertat fit-8 ta' Settembru, waqt li din is-sena ( 2014) se ssir fis-27 ta' Settembru, dejjem fuq korsa ta' 21.6 mili minn Docklands sa Ham f'Surrey.

L-edizzjoni tal-2013 kienet akkanita bil-bosta, fejn assistejna għall-ħames tiġrijiet mill-aktar eċċitanti u missielta bi sportività kbira bejn il-qaddiefa Marsin u Bormliżi, fejn finalment, kienu proprju dawn iż-żewġ distretti rebbieħa tax-Shield. Bir-riżultat finali ta' din l-edizzjoni, ġiet fi tmiemha t-tradizzjoni, li mill-1955 sal-2012 dejjem kellna rebbieħ wieħed fit-Tiġrija tal-Vitorja. Ovvjament ir-rebħ tax-Shield mill-Marsa u Bormla ġab miegħu wkoll it-tmiem tad-dominju Sengleani fir-Regatta Nazzjonali, b'ħames rebħiet konsekuttivi tal-Aggregate Shield mill-2008 sal-2012.

Kif kien mistenni, l-aħħar tiġrija kienet waħda deċiżiva u għalhekk kienet mill-aktar eċċitanti. Minkejja li Bormla wara t-tiġrija tal-Kajjikki kienet qed tgawdi vantaġġ ta' 16-il punt, il-Marsa wkoll setgħet tirbaħ ix-Shield. Waqt li Bormla biex tirbaħ l-Aggregate Shield riedet tidħol fl-ewwel żewġ postijiet, l-unika tama tal-Marsin kienet biss li jidħlu l-ewwel. F'każ li l-Marsa tidħol l-ewwel u Bormla jidħlu fit-tielet post, allura x-Shield tintrebaħ miż-żewġ distretti. F'dan ix-xenarju mill-aktar akkanit deher ċar li kollox kien jiddependi minn l-Isla fejn tmur ix-Shield. Is-Sengleani kellhom dgħajsa armata tajba ħafna, deskritta bħala l-aħjar waħda fil-kanal u favorita netta li tirbaħ dan il-palju, iżda ma daħlitx l-ewwel – daħlet fit-tieni post u b'hekk tat ix-Shield liż-żewġ distretti. Minkejja l-Isla rebħet Kategorija 'B' , in-nuqqas ta' rebħ ta' palju tal-ewwel iddiżappuntat ħafna lill-partitarji Sengleani li stennew titjib u bidla sostanzjali wara d-disfatta li kellhom fir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien.

Ovvjament mhux kollox kien ward u żahar f'din l-edizzjoni! Kif tħabbar ir-riżultat, xi dilettanti Bormliżi bdew jifirħu li rebħu x-Shield. Xi wħud minnhom staqsewni xi jfisser dan ir-riżultat fejn żewġ distretti kisbu l-istess għadd ta' punti fir-Regatta. Jien għedtilhom li b'dan ir-riżultat ix-Shield intrebħet miż-żewġ distretti, b'kull klabb iżommha għal sitt xhur. Wieħed minnhom, qalli li jien kont żbaljat għax hu jaf b'regolament fejn jgħid li x-Shield tintrebaħ mid-distrett li jirbaħ l-aktar paljijiet ta' l-ewwel. Hawnhekk jien, b'kalma kbira għedtlu li r-regolament li naf jien, u li fuqu titmexxa r-Regatta Nazzjonali jgħid mod ieħor, u għalhekk quddiem sħabu tlabtu jurini dan ir-regolament u jekk jinstab kif hu qed isostni, ix-Shield tingħata lil Bormla. Fil-ħin resaq ħdejja l-Chief Judge u qara r-regolamenti uffiċjali tar-Regatta u wara ħafna paroli żejda li ma jagħmel ġieh lil ħadd l-argument ntemm hawn. Jiddispjacini ngħid, li xi wħud mill-partitarji, bla ebda sens ta' edukazzjoni jew diċenza, jaqilgħu ħafna argumenti bla bżonn meta jafu li m'għandhomx raġun. Sfortunatament dawn l-argumenti, xi kultant b'ħafna għajjat u kliem baxx jagħtu *image* ħażin lir-Regatta u jkomplu jgerrxu lin-nies milli jinżlu jaraw ir-Regatta.

S'intendi, wara li ntemmet ir-Regatta kien hemm ħafna kummenti kemm minn membri tal-klabbs rebbieħa kif ukoll minn dawk telliefa. Partitarju Bormliż wera s-sodisfazzjoni tiegħu b'dan il-kumment:

'*... Erġajna rbaħna x-Shield wara 19-il sena... aħna għandna ħafna qaddiefa żgħażagħ u ħafna minnhom ilhom jaqdfu magħna tliet snin u aktar u għalhekk naħseb dan hu l-bidu ta' triq mimlija suċċessi fir-Regatta .... bħala Bormliż jien xtaqt li rbaħniha waħedna, iżda l-Marsa rebħu l-aħħar tiġrija u laħquna fil-punti .... nittama li sena oħra nkunu aħjar mid-distretti tal-Marsa u l-Isla u nerġgħu nirbħuha...*'

Qaddief Marsi kkummenta hekk: '*... stajna rbaħna paljijiet oħra u permezz tagħhom konna nirbħu x-Shield waħedna ... sa jumejn ilu aħna konna fost il-favoriti li nirbħu x-Shield, iżda kellna poloz diffiċli ħafna... insomma, kollox ma kollox, jien xorta waħda kuntent li din is-sena x-Shield irbaħniha aħna wkoll...*'

Partitarju Kalkariż sostna hekk: '*... smajthom jgħidu li l-Kalkara kienet se tarma tajjeb għall-Katekorija 'B' iżda bħassoltu, il-klabbs il-kbar dejjem ikunu armati aħjar minna... diffiċli li tirbħilhom...*'

U finalment dilettant Sengleani ikkummenta hekk dwar l-andament tat-tiġrija: '*... ok, tajjeb li tirbaħ Katekorija 'B' milli ma tirbaħ xejn, iżda jien xtaqt li nirbħu x-Shield il-kbira ... ma nafx x'naqbad ngħid... li kieku l-qaddiefa tagħna riedu jirbħu x-Shield, naħseb li kienu kapaċi jirbħuha ... emminni, jien bħal sħabi l-oħra li konna qegħdin insegwu t-tiġrija mill-Ponta nħossni mbellaħ meta niftakar li l-Isla għal dawn l-aħħar 20 sena ddominat iż-żewġ Regatti, imbagħad lanqas biss irnexxielna nirbħu palju wieħed tal-ewwel ... jaqaw il-qaddiefa tagħna riedu jieħdu break? ....*'

F'Lulju tas-sena l-oħra (2013) s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, żgħażagħ u Sports, Dr. Stefan Buontempo ħatar kummissjoni li l-miri tagħha huma li tagħti nifs gdid lil dan l-Isport Nazzjonali.

'*L-għan ewlieni ta' din il-kummissjoni, imsejħa 'L-Isport: Nifs ġdid għall-Port' hu biex tieħu ħsieb li toħroġ b'inizjattivi għall-attivitajiet sportivi madwar il-Port il-Kbir. 'Dan qed isir għax nemmen fil-potenzjal li dan il-port għandu.' L-għan aħħari ta' din il-kummissjoni huwa li r-Regatta mhux biss tara mill-ġdid eluf ta' persuni li jinżlu fil-Port il-Kbir isegwu t-tlielaq taddgħajjes, iżda anke tiggarantixxi li l-istess Regatta tinżamm ħajja u tkabbar ġenerazzjonijiet ġodda ta' qaddiefa ...*' sostna Dr Buontempo.

**Ikompli f'ħarġa oħra**

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBBUĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2014

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 83

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 83 huwa:
**Doriann Sant - Mellieħa**





1 2 3 4 5 6 7 8 9 10 11 12 13 14 15 16 17 18 19 20 21 22 23 24 25 26 27 28 29 30 31 32 33 34 35

# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 83

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| W | I | L | F | R | E | D | | C | | S | | O | W |
| I | | O | | O | | E | M | A | N | U | E | L | |
| M | O | S | C | A | | R | | R | | T | | E | N |
| B | | C | | R | U | E | D | A | | I | N | G | O |
| L | U | O | L | | | K | | N | B | L | | | E |
| E | | | A | | P | | O | N | O | | C | | L |
| D | E | G | U | A | R | A | | A | B | E | L | A | |
| O | | | D | | S | | | N | | | I | | O |
| N | A | G | A | N | O | | S | T | A | I | N | E | S |
| | | I | | A | | B | | E | | | T | | T |
| S | T | O | M | P | E | R | S | | T | | O | | H |
| A | | R | | P | | E | | R | O | N | N | I | E |
| R | A | N | G | E | R | S | | | N | | | | O |
| E | | I | | S | | T | A | V | I | L | L | A | |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu tliet memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2014:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħa Ħarġa nru 83: Agnes Muscat (Pembroke); Jonathan Balzan (St. Lucia); Maria Cutajar (Mosta)**

## Mimdudin

1) Elise, l-atleta 'Maltija' fl-Olimpjadi tax-Xitwa f'Sochi (9)
8) "...... Des Kids", ziemel Franċiż ta' 12-il sena (6)
9) Ta' ........ Mellieħa Hill Climb (8)
10) Robert, eks president ta' Sliema Wanderers FC (6)
11) Phillips, Triple Jumper Ingliż 'tad-deheb' (5)
13) Nelson, għassies tal-lasti Brażiljani f'91 partita (4)
15) u 20) New York ......, tim tal-Baskitbol fl-NBA (6)
18) u 19) FC ..... Makhachkala, eks klabb ta' Eto'o (5)
19) Ara 18 Mimdudin
20) Ara 15 Mimdudin
21) Spiteri, synchronised swimmer Maltija (6)
22) Abela, l-aqwa fit-Ten-Pin Bowling f'Malta (3)
23) Gozo Football Association (1,1,1)
24) u 25) Anna, president tal-Malta Sailing Federation (5)
25) Ara 24 Mimdudin
26) Carlos, rebbieħ tat-Tour de France fl-2008 (6)
28) James, karriera fil-qalba tad-difiża ta' Sliema Wanderers (7)
30) ".... Chop Lady", debba Svediża ta' 14-il sena (4)
33) Muscat, għawwiema Maltija fl-Olimpjadi ta' Londra 2012 (6)
35) It-'tapit aħdar' tal-Billiard (5)

## Weqfin

1) Dalli, ġinnasta Maltija promettenti ħafna (7)
2) Chircop, boxer Malti tas-Super Bantamweight (6)
3) "Jerry ...", ziemel Svediż ta' 11-il sena (3)
4) Garros, ilu jospita t-Tennis internazzjonali mill-1928 (6)
5) u 10) Yannick, eks tennista professjonali Franċiż (4)
6) Read, in-'Numru 8' tal-All Blacks ta' New Zealand (6)
7) Maradona "El Pibe de Oro", min aktar? (5)
10) Ara 5 Weqfin
12) Il-klabb Taljan tal-Futbol ta' Toto Di Natale (7)
14) Victoria, tennista professjonali mill-Belarus (8)
15) László, l-ewwel sostitut li skorja hat-trick fit-Tazza tad-Dinja (4)
16) "... Cube", ziemel Taljan ta' 10 snin (3)
17) Mauricio, ir-referi involut fil-'gowl u mhux gowl' ta' Lampard (8)
21) Lev, beda jilgħab bħala gowlkiper f'fabbrika tal-militar Russu (6)
23) Luciano, president ġdid ta' Floriana FC (6)
27) Skuderija Britannika tal-Formula Wieħed (5)
29) Skorja fiż-żewġ finali tat-Tazza tad-Dinja 1958 u 1962 (4)
31) Ten ... Bowling (3)
32) u 34) Gianfranco, eks midfilder offensiv ta' Chelsea FC (4)
34) Ara 32 Weqfin


FITNESS STUDIO
Triq il-Ġifen, St Paul's Bay
Opening Hours
Mon-Fri 05.00 - 23.00
Sat 08.00 - 18.00
Sun 08.00 - 13.00
The prices for a single membership are as follows:
1 year €230
6 months €160
3 months €110
1 month €50
daily rate €7
Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

Tabone®
Computer Centre
since 1982

# BIG SAVINGS!

**TOSHIBA**
Leading Innovation >>>



## Toshiba Excite Pure

~~€390.00~~
**€259.00**

- Android 4.2, Jelly Bean
- NVIDIA Tegra 3
- Super 4-PLUS-1 Quad-core
- NVIDIA GeForce GPU with 12 cores
- 16 GB
- 1 GB DDR3L RAM
- 10h Video Playback 100%
- 2 Year European Warranty

- Intel Dual-Core N2820 @2.4 GHz CPU
- Linux Graphic Interface/OS
- 4GB DDR3 RAM (Max 16GB)
- 500GB HDD
- 15.6" LED screen
- DVD RW SuperMulti Dual Layer
- Bluetooth 4.0, Wifi
- 2 Year European Warranty
- 1st Year No Matter What

## Toshiba C50-A-1JT

~~€415.00~~
**€365.00**





## Toshiba C55-A-1RG

~~€425.00~~
**€375.00**

- Intel Dual-CoreN2820 @2.4 GHz CPU
- Linux Graphic Interface/OS
- 4GB DDR3 RAM (Max 16GB)
- 500GB HDD
- 15.6" LED screen
- DVD RW SuperMulti Dual Layer
- Bluetooth 4.0, Wifi
- 2 Year European Warranty
- 1st Year No Matter What

- Windows 8.1
- Intel Atom Z3740 with Intel Burst Technology 2.0
- Solid State 32 GB
- 2 GB LPDDR3 RAM
- 8" multi-touch LED Screen 1280x800
- Up to 14 hours battery Life
- Office Home & Student 2013
- 2 Year European Warranty

## Toshiba Encore

~~€450.00~~
**€390.00**



TOSHIBA eco style

www.tabone.com
21 44 44 12
Psaila Street, Santa Venera (in front of St Philip Hospital)
www.facebook.com/tabonecomputercentre
sales@tabone.com